# QORTI   TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru: 8**

**Appell Numru: 34/2009/JD**

**Rosalinda Rita Portelli kif assistita minn Saviour u Antonia konjuġi Portelli maħturin bħala kuraturi tagħha b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tat-2 ta' April 2009;**

**u b'nota tal-5 ta' Jannar 2010 Saviour u Antonia konjuġi Portelli assumew l-atti tal-kawża minflok Rosalinda Rita Portelli li siefret fil-mori tal-kawża;**

**u b'nota tat-22 ta' Ġunju 2012 Rosalinda Rita Portelli assumiet l-atti tal-kawża stante r-ritorn tagħha mill-esteru;**

**u b'nota tad-9 ta' Ottubru 2013 Saviour u Antonia konjuġi Portelli reġgħu assumew l-atti tal-kawża stante r-ritorn ta' Rosalinda Rita Portelli lejn l-Awstralja**

**v.**

**Carmen Portelli**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta Carmen Portelli mis-

sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-25 ta' Ottubru 2013, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti sabiex "***tilqa' dan l-appell***" bil-konsegwenza li tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi appellata, jew altrimenti, filwaqt li tilqa' l-aggravji magħmula minnha f'dan l-appell, hija tirrinvija l-atti lill-ewwel qorti sabiex tingħata deċiżjoni mill-ġdid skont il-liġi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Illi r-rikors guramentat jaqra hekk:-

"Illi l-attrici Rosalinda Rita Portelli hija bint unika tal-mejjet Saviour Portelli;

"Illi dan Saviour Portelli miet fil-hdax (11) ta' Frar elfejn u disgha (2009), fl-Isptar Generali t'Ghawdex fejn kien ilu rikoverat hemm ghall-ahhar sitt gimghat tal-hajja tieghu – kopja legali tac-certifikat tal-mewt annessa u markata A;

"Illi wara l-mewt tieghu l-attrici ndunat li sar testment minn missierha fuq is-sodda tal-mewt tieghu fl-isptar, u proprju erbat ijiem qabel ma miet li jgib id-data tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009) fis-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) fejn b'dan it-testment halla bhala eredi universali u proprjetarja assoluta ta' gidu kollu lill-konvenuta Carmen Portelli – kopja legali tat-testment annessa u markata B;

"Illi l-firma tat-testatur li hemm fuq dan it-testment hija ferm dubbjuza jekk hijiex ta' missierha, u l-attrici taf li din il-firma m'ghandha ebda xebh mal-firma li kien jiffirma missierha, u ma gietx maghmula minnu, addirittura falza;

"Illi dan it-testment sar f'mument meta Saviour Portelli ma kienx jipposjedi l-fakoltajiet mentali kollha b'mod li seta' japprezza dak li qieghed jaghmel, u di piu' l-istess gie mgieghel jaghmel dan it-testment u giet uzata fuqu pressjoni mill-konvenuta Carmen Portelli li ceda ghaliha u kien indott bil-qerq minn din Carmen Portelli biex jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu favur taghha billi jaghmilha eredi universali ta' gidu kollu, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

"Illi ghalhekk a bazi tal-artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta mhijiex denja u kapaci biex tircievi b'testment l-eredita` lilha mhollija tal-mejjet Saviour Portelli;

"Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

"1. tiddikjara falza l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment hawn fuq imsemmi li jgib id-data tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009), atti Nutar Anthony Hili;

"2. konsegwentement tiddikjara null u bla effett legali l-imsemmi testment;

"3. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg talbiet, tiddikjara li meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009, fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli ma kienx jipposjedi l-fakoltajiet mentali tieghu b'mod li ma setax japprezza dak li qieghed jaghmel u/jew kien priv mill-volonta' libera tieghu minhabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li gie mgieghel minnha jaghmel testment, u gie ndott bil-qerq jaqta' lill-attrici bint unika tieghu mill-wirt tieghu, u jaghmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' gidu kollu;

"4. tiddikjara li ghalhekk il-konvenuta mhijiex denja u kapaci biex tircievi b'testment l-eredita` tal-mejjet Saviour Portelli, u konsegwentement tiddikjara t-testment imsemmi wiehed null u bla ebda effett legali;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta nkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 11/2009 u tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 59/09 ipprezentati fit-23 ta' Marzu 2009, kontra l-konvenuta.

"Rat li l-konvenuta Carmen Portelli fir-risposta guramentata taghha eccepiet hekk:-

"1. Illi preliminarjament, hemm l-irritwalita` u konsegwenti nullita` ta' dan ir-rikors guramentat minhabba kontradittorjeta' fit-talbiet attrici. Dan ghaliex l-attrici qeghdha fuq naha tagixxi billi ssostni li l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009) hija wahda falza, fl-istess waqt qed issostni li t-testatur kien prezenti waqt li sar dan it-testment izda ma kienx jipposjedi l-fakoltajiet mentali kollha u di piu' imbaghad tghid ukoll li t-testatur kien mgieghel jaghmel dan it-testment permezz ta' allegat qerq da parti ta' l-esponenti. Dan jimporta kunflitt u iktar minn kontradittorjeta' wahda gravi bejn l-ewwel talba u t-tielet talba ta' dan ir-rikors guramentat, liema kunflitti jgibu n-nullita` ta' l-istess rikors.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici huma fil-mertu totalment infondati fid-dritt u fil-fatt kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Illi huwa sottomess li gialadarba l-presunzjoni hija favur il-validita` tal-kuntratti, bhalma huwa t-testment in kwistjoni, sabiex tirnexxi fit-talbiet

taghha, l-attrici ghandha l-oneru li tipprovdi provi cari u konkreti dwar l-allegazzjonijiet taghha, liema provi hija ma tistax tipproducihom f'dan il-kaz peress li dawn huma totalment infondati.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz huwa wkoll sottomess b'mod partikolari illi t-testment tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009) atti tan-Nutar Anthony Hili, li qed jigi attakkat mill-attrici sar validament u skond il-ligi, peress illi (i) mhuwiex minnu li l-firma tat-testatur fuqu hija wahda falza; (ii) m'huwiex minnu li Saviour Portelli ma kellux il-kapacita` mentali biex jaddivjeni gaht-testment imsemmi; u inoltre' (iii) m'huwiex minnu illi Saviour Portelli kien priv mill-volonta' libera tieghu minhabba xi pressjoni jew addirittura qerq prattikat fuqu waqt il-pubblikazzjoni ta' l-istess testment.

“5. Illi l-artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami u dana peress li kif gia' inghad, l-esponenti bl-ebda mod ma gieghlet it-testatur biex jgahmel testment jew biex ibiddel id-disposizzjonijiet testamentarji tieghu;

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

“7. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel tliet paragrafi tar-rikors guramentat ma humiex kontestati;

“8. Illi l-fatti dikjarati fir-raba', hames u sitt paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati.

“Rat l-affidavits u semghet ix-xhieda.

“Rat il-verbali kollha tal-qorti.

“Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

“Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeghdha tattakka l-validita` tat-testment maghmul minn missierha fis-7 ta' Frar 2009.

“<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>

“Permezz ta' dawn il-proceduri l-attrici tallega li l-firma li tidher fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2009 li hija ta' missierha hija falza. Subordintament u minghajr pregudizzju ssostni li missierha ma kellux il-fakultajiet mentali tali li seta' japprezza dak li qed jaghmel u/jew kien priv mil-libera volonta' tieghu minhabba l-pressjoni ezercitata minn Carmen Portelli.

“Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet in-nullita` tar-rikors guramentat minhabba kontradittorjeta' fit-talbiet attrici. Dan ghaliex l-attrici qeghdha fuq naha tagixxi billi ssostni li l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009) hija wahda falza, fl-

istess waqt qed isostni li t-testatur kien prezenti waqt li sar dan it-testment izda ma kienx jipposjedi l-fakoltajiet mentali kollha u di piu’ imbaghad tghid ukoll li t-testatur kien mgieghel jaghmel dan it-testment permezz ta’ allegat qerq da parti ta’ l-esponenti. Dan jimporta kunflitt u iktar minn kontradittorjeta’ wahda gravi bejn l-ewwel talba u t-tielet talba ta’ dan ir-rikors guramentat, liema kunflitti jgibu n-nullita` ta’ l-istess rikors.

“Hekk kif inghad fis-sentenza **Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**[1]

> “*Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agendi taghha (Vol. XI p 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (Vol. X p 926)*”.

“F’dan l-istadju se ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmena Muscat vs Frank Said et**[2] fejn intqal hekk:

> *“Nullita` tar-rikors ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12.*
>
> *“In-nullita` hi kontemplata:-*
>
> *“Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.”.*

“*Il-konvenuti ma ghamlu l-ebda riferenza ghal xi provvediment tal-ligi. Fis-sentenza Victor Henry Debono et nomine vs Onor. Dr Vincent Tabone tal-14 ta Mejju 1970, il-Prim’Awla*[3] *osservat:*

> *“Il-Qorti tifhem li l-inciz (d) jikkoncerna mhux il-prezentata imma il-konfezjoni, il-kontenut ta’ l-att. Id-difett taht l-inciz (d) jrid ikun difett ta’ xi element essenzjali preskritt bil-ligi.*
>
> *“L-elementi jew partikulari li ghandhom jinghataw fic-citazzjoni huma jew komuni mal-atti gudizzjarji l-ohra (art. 174, 176, 178) jew partikolari ghalija (art. 153, 154, 155, 114, 115)...... Jidher li hawnhekk il-kelma operattiva hija ‘partikolarita`, ghax, kif gia intqal, din ma tistax tirriferixxi hlief ghal kontenut tac-citazzjoni, bhal ma huma il-kawzali, l-oggett, l-ordni ghal komparizzjoni f’isem ir-Regina, il-firma tal-Avukat, dik tal-Imhallef......”.*

“*Skond l-Artikolu 156 tal-Kap. 12, ir-rikors guramentat ghandu fost’affarijiet ohra jkollu “ir-raguni tat-talba”. Jekk tinghata iktar minn raguni wahda, m’hemmx dubju li m’ghandhomx ikunu kontradittorji ghal xulxin. Kif diga’ osservat fl-ewwel parti tas-sentenza, fir-rikors guramentat hemm kawzalijiet li jeskludu lil xulxin li twassal ghal konfuzjoni shiha. Kaz simili ghal dan hi l-kawza Flavia Cassar et vs Carmelo Muscat et deciza mill-Qorti tal- Appell fl-14 ta’ Novembru 2011, fejn l-atturi kienu qeghdin jitolbu rexxissjoni ta’*

[1] Prim’Awla tal-Qorti Civili deciza mill-Imhallef Philip Sciberras deciza fil-31 ta’ Jannar 2003
[2] Rik Nru: 739/2006AE moghtija fl-14 ta’ Dicembru, 2012
[3] Imhallef M. Caruana Curran

*kuntratt minhabba qerq, vjolenza u simulazzjoni. Il-Qorti tal-Appell osservat:-*

> *"Izda kemm jekk it-talbiet tal-atturi jitqiesu bhala tlett azzjonijiet distinti prospettati fl-alternattiv kemm jekk jitqiesu bhala azzjoni kumulattiva wahda b'diversi kawzalitajiet kontradittorji, dan kollu jqieghed lill-konvenuti fl-impossibilita` li jiddeterminaw x'qeghdin jippretendu bil-preciz l-atturi u jqieghed lill-konvenuti f'pozizzjoni prekarja li ma jkunux jafu x'linja ta' difiza jintraprendu minghajr ma jippregudikaw il-posizzjoni taghhom.*
>
> "*Il-Qorti hi tal-fehma, kif ġia` inghad, li f'dan il-kaz kien hemm difett fil-forma tac-citazzjoni li toltrepassa l-limitu ta' mera formalita` u anzi tolqot is-sustanza stess tal-azzjoni ezercitata mill-atturi b'tali mod li kienet ta' pregudizzju ghall-konvenuti li, kif kellhom dritt jistennew, ma tqeghdux f'pozizzjoni li jkunu jistghu jiddefendu ruhhom adegwatament kontra l-azzjoni tal-atturi. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li n-nuqqas sostanzjali fic-citazzjoni ma setax jigi rimedjat taht xi dispozizzjoni ohra tal-ligi minghajr ma necessarjament tinbidel is-sustanza tal-azzjoni b'mod partikolari f'sitwazzjoni bhal fil-kaz ta' llum fejn hemm konfuzjoni ta' tlett azzjonijiet kontraddittorji f'daqqa."[4].*

"*Hu evidenti li l-kawzali dwar vizju tal-kunsens minhabba zball, qerq, vjolenza kif ukoll dik ta' simulazzjoni, huma inkonciljabbli ma' xulxin. L-istess jinghad fir-rigward tal-kawzali ta' kawza falsa mal-kawzali ta' qerq u vjolenza.*

"*L-Artikolu 789 tal-Kap. 12 jipprovdi:-*

> *"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.".*
>
> "*Fil-fehma tal-qorti l-attrici xorta ghandha l-opportunita` li fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet tirrinunzja ghal dawk ir-ragunijiet u t-talbiet li huma inkonciljabbli ma' xulxin[5]."*

"Dik il-qorti tat l-opportunita` lill-attrici tirregola ruhha dwar fuq liema talba kienet se tinsisti.

"Din il-qorti kif presjeduta taqbel mal-linja adottata f'din is-sentenza. Dan in vista tal-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati; kif ukoll ghaliex il-ligi nnifisha tipprovdi meta l-eccezzjoni ta' nullita` tista' tinghata. Illi b'referenza ghall-kaz inkwistjoni l-attrici mkien ma allegat li t-testatur ma

---

[4] "meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista' jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa." (Avukat Dr Rene Frendo Randon vs Albert Walter Salomone nomine et deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 1998).

[5] Artikolu 906 jaghti lill-attur il-jedd li jirrinunzja ghall-atti li jkun ipprezenta. Provvediment li impliciment jinkludi l-jedd li jirrinunzja ghall-parti mit-talbiet u ragunijiet.

kienx prezenti waqt li kien qieghed isir it-testment hekk kif indikat fl-istess eccezzjoni.

"Illi f'dan il-kaz huwa evidenti li l-konvenuta ma kellha l-ebda diffikulta' biex tressaq l-eccezzjonijiet u l-provi in sostenn tad-difiza taghha.

"Il-qorti ma tirraviza l-ebda nullita` ghall-mod kif gie redatt ir-rikors guramentat. Infatti meta l-attrici fl-ewwel talba taghha talbet dikjarazzjoni li l-firma fuq it-testment hija falza ma jfissirx awtomatikament li Salvatore Portelli ma kienx prezenti waqt li kien qieghed isir it-testment. Dan qatt ma gie allegat mill-attrici. It-talba l-ohra li saret subordinatament ghalhekk ma jistax jinghad li hija kunfliggenti ma' l-ewwel wahda.

"Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

"Fil-Mertu

"Illi l-fatti li wasslu ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- "L-attrici Rosalinda Rita Portelli hija l-uniku bint ta' Maria u Saviour Portelli. Il-konjugi Portelli flimkien ma' binthom ghamlu snin ighixu l-Awstralja u rritornaw f'dawn il-gzejjer fis-snin disghin.
- "Maria Portelli mietet fis-17 ta' Settembru 2008.
- "Saviour Portelli miet fil-11 ta' Frar 2009 fl-Isptar Generali t'Ghawdex fejn kien ilu rikoverat ghall-ahhar sitt gimghat.
- "Carmen Portelli hija l-kugina ta' Saviour Portelli.
- "Jirrizulta mill-atti li l-attrici tbati minn kundizzjoni medika ta' skizofrenija.
- "Fis-7 ta' Frar 2009 (4 ijiem qabel il-mewt ta' Saviour Portelli) gie redatt testment[6] minn Nutar Dr Anthony Hili fl-Isptar Generali t'Ghawdex. Fit-tieni artikolu ta' dan it-testment insibu li thalla legat a favur ta' l-attrici u kugintu l-konvenuta ta' kwalunkwe flus in moneta kontanti, kotba tal-bank u kotba u titoli li jirrapprezentaw flus, kif ukoll kwalunkwe depoziti bankarji jew f'istituzzjonijiet simili ntestati fuq ismu fl-epoka ta' mewtu fi kwoti ta' zewg terzi lil bintu u terz lill-konvenuta. Il-legat imholli lil Carmen Portelli thalla bil-patt u kundizzjoni li hija tippresta dawk is-servigi, kuri u assistenti kemm bit-testatur kif ukoll lil bintu Roselyn li jkollhom bzonn matul hajjtihom kollha u li ma jirrikoverawx lilu jew lil bintu f'xi istitut, sptar, ospizju jew dar tal-anzjani hlief jekk strettament necessarju.

"Fir-raba' artikolu, it-testatur innomina bhala eredi universali tieghu lil Carmen Portelli bis-sostituzzjoni volgari ta' bintu Rosalinda f'kaz ta' premorjenza. Dan il-laxxitu wkoll thalla bil-patt u kondizzjoni li Carmen Portelli ddur bih u b'bintu l-attrici.

---

[6] Dok B a fol 6 tal-process

- "Ma' dan it-testment gie anness certifikat mediku[7] li jgib l-istess data ffirmat minn Dr Patrick Sciberras fejn gie dikjarat li *"Salvu Portelli enjoys a sound, disposing mind and is fully capable of making a will and/or a notarial deed and/or dispose of his property inter vivos".*

- "Precedentement ghat-testment li huwa mertu tal-vertenza odjerna, Saviour Portelli kien ghamel zewg testmenti ohra – wiehed minnhom unica charta, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro. Fl-ewwel testment[8] datat 31 ta' Ottubru 2000 it-testaturi (i) hallew b'titolu ta' legat reciproku kwart indiviz ta' l-assi universali rispettivi taghhom; (ii) hallew b'titolu ta' legat reciproku l-uzu u l-uzufrutt ta' l-assi universali rispettivi taghhom; (iii) b'titolu ta' legat il-proprjeta' assoluta tal-karozzi u/jew veikoli ohra; (iv) innominaw u istitwew bhala eredi universali fi piena u assoluta proprjeta' ta' l-assi universali taghhom prezenti u futuri lil binthom l-attrici odjerna.

"F'dan it-testment innominaw u istitwew bhala ezekuturi testamentarji u amministraturi tal-beni taghhom lil hut Maria Portelli cioe' Joseph, Piju u John Sagona.

- "Fl-20 ta' Frar 2006[9], Saviour Portelli ghamel testment wahdu. Huwa (i) halla b'titolu ta' prelegat lil martu Maria Portelli il-flus kollha kontanti, kotba tal-bank, depoziti, investimenti ecc; (ii) prelegat iehor lil martu tal-karozzi, senters tal-kacca, dghajjes u l-licenzji u permessi tal-kummerc jew negozju; (iii) prelegat lil martu tas-sehem kollu spettanti lilu mid-dar tar-residenza tieghu, bil-garaxx u bitha u gnien annessi u bl-ambjenti kollha taghha u limine intus; (iv) prelegat lil martu ta' l-uzu u l-uzufrutt ta' l-assi universali tieghu; (v) lil bintu Rosalinda hallilha s-sehem kollu rizervat lilha fil-ligi fuq il-wirt tieghu; (vi) eredi universali lil martu bis-sostituzzjoni volgari ta' bintu.

"Illi l-artikolu 597(b) u (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"'Huma inkapaci li jiddisponu b'testment:*

"*(b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom:*

"*Izda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jircievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jaghti gurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;*

"*(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment';*

[7] Dok A a fol 9 tal-process
[8] Dok MV1 a fol 64 tal-process
[9] Dok MV2 a fol 66 tal-process

“Illi imbaghad l-artikolu **599 tal-Kap 16** jistipula li *‘it-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita` tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu’.*

“Illi z-zmien relevanti ghall-prova ta’ din l-inkapacita` d-dottrina tghallem li:

> *‘Se senz’essere alienato, il testatore si trovava nell’impossibilita` di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l’attore provi che la causa che gl’impediva di manifestare la sua volonta’ esisteva nel momento dell’atto’.*[10]

“Illi kif intqal fis-sentenza **Lewis Spiteri vs Angela Aquilina**[11]meta ssir kawza ghall-impunjazzjoni ta’ testment minhabba inkapacita` mentali tat-testatur il-principji li jiggvernaw il-vertenza ghandhom ikunu s-segwenti:

“Fl-ewwel lok, il-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita`; liema presunzjoni hija “juris tantum”. Kull persuna ghandha titqies *of sound mind* u li tippossjedi l-fakultajiet mentali ta’ persuna ordinarja, u ghalhekk ghandha tkun prezunta bhala kapaci. Huma kkonsidrati inkapaci li jiddisponu b’testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f’sensihom.

“Illi sabiex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel. Ma hemmx ghalfejn illi it-testatur ikollu *“una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio’ che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria onde sia capace di determinazione e di volonta’ ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …”*[12].

“L-inkapacita` tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment.

> *“Huwa principju accettat li, kemm fil-kaz ta’ persuna li ma kienitx kapaci taghmel testment, u kif ukoll fil-kaz fejn jigi allegat li persuna kienet imgeghla taghmel testment, il-piz tal-prova jaqa’ fuq min irid igib it-thassir tat-testment”*[13]
>
> “Sabiex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet….*i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu’ possibili quegli esperimenti medico legali*”. Min jipprova jimpunja t-testment jehtieg li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-

---

[10] **Laurant: Principii di Diritto Civile;** Vol XI para 139 pag 144.
[11] Cit Nru: 785/2003GV deciza fit-28 ta’ Gunju, 2006
[12] **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak,** Appell Civili deciz fl-20 ta’ Gunju, 1938**.**
[13] **John Agius vs Carmelo Agius**, Prim’Awla tal-Qorti Civili deciza fit-8 ta’ Lulju, 2004

testment it-testatur ma kienx kapaci. "*La prova deve essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propria*"[14]**;**

"Il-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita` mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment[15]*.*

"Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill-kriterji li ghandhom iwasslu lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita` mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.

"Ghandhom ukoll relevanza qawwija d-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti.

"Imbaghad fejn hemm l-allegazzjonijiet dwar raggiri, kaptazzjoni u mezzi lleciti ohra li jeffettwaw il-kunsens tat-testatur, il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Diversament, f' kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-konvenut li kontra tieghu tkun ezercitata din l-azzjoni[16]. Illi sabiex l-eghmil qarrieqi jkun motiv ta' nullita`, irid jintwera illi l-qerq uzat kien ta' entita` tali illi, kieku ma kienx sar, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet li kien effettivament deher illi ghamel. Irid jirrizulta, ghas-success tal-azzjoni, illi l-volonta' tat-testatur tkun giet imdawwra bhala rizultat dirett ta', u b'effett tal-qerq adoperat fuqu. Hekk biss ir-raggiri jkunu effettwaw il-kapacita` tat-testatur. Mhux bizzejjed li t-testatur ikun qaghad ghax-xewqa ta' persuna ohra, u li jkun ikkuntentaha fid-disposizzjonijiet testamentarji. Daka ma jammontax ghall-qerq

"F'dawn il-proceduri tressqu diversi xhieda. Il-Qorti se tirreferi ghal dak li ntqal minn diversi xhieda li jista' jitfa' dawl fuq dak li gara:

"In-Nutar Dr Maria Vella Magro[17] kienet in-Nutar li rredigiet l-ewwel zewg testmenti ta' Saviour Portelli. Hija kienet iltaqghet mal-konjugi Portelli fis-sena 2000 u qabel ma sar it-testment tkellmet maghhom. Hija xehdet *"li mill-bidu nett il-konjugi Portelli kellhom f'mohhhom u kienu nkwetati dwar x'ser isir mit-tifla taghhom Rosalinda Portelli la darba jmutu. Dan peress illi Rosalinda Portelli ghandha kundizzjoni u l-konjugi Portelli kienu nkwetati illi jkun hemm xi hadd illi wara mewthom jisfrutta jew jipprova jiehu vantagg*

[14] **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938
[15] Vol 34 p 108 App **Vassallo vs Dr. V. Sammut** 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App **Formosa vs Axiak** 20 ta' Gunju 1938.

[16] **Camilleri et vs Camilleri,** Appell Civili, 19 ta' Mejju, 1947
[17] Seduta tas-27 ta' Mejju 2009 a fol 53 tal-process

*mit-tifla taghhom".* Hija xehdet li fis-sena 2006 il-konjugi Portelli regghu marru ghandha izda t-testment sar biss minn Saviour Portelli. Din id-darba kienu konvinti li binthom kienet kapaci tamministra gidha.

"In-Nutar ikkonfermat illi semghet b'Carmena Portelli l-ewwel darba ftit qabel ma' miet Saviour Portelli meta l-istess konvenuta marret fl-ufficcju taghha minghajr appuntament u qaltilha li Saviour Portelli ried jaghmel testment u ried lilha bhala Nutar. Dan kien fil-5 jew 6 ta' Frar 2009. Carmen qaltilha li Saviour ried ihalli werrieta lit-tifla, warajha tidhol hija. Cramen staqsietha jekk Rosalinda tkunx tista' tbiddel it-testment. Hija spjegatilha b'mod car illi jekk Saviour ihalli lit-tifla werrieta tieghu, ikun ifisser illi bintu wara mewtu taghmel li trid bil-gid u thalli lil min trid werrieta taghha.

"Hija xehdet ukoll li wara l-mewt ta' martu (li ma kellhiex immobbli) Saviour mar darbtejn ghandha bil-pigama ghax kien l-Isptar. Kien jidher batut izda kien qed jirraguna. Hija qalet ukoll: *"Kont smajt minghand terzi persuni li din il-familja kellha l-gid u kien hemm xi nies interessati fil-beni u li kienu qeghdin jippruvaw jikkonvincu lil Salvatore biex jaghmel testment. Pero' bl-ebda mod ma rrid nipponta subajja lejn Carmen Portelli. Semmewli persuna li kien hemm zmien illi ghamlet tmur tara lil Salvatore Portelli l-isptar, imbaghad ma komplietx. Jiena fhimt illi kien ragel. Carmen dehret mghaggla biex isir it-testment".* Hija xehdet ukoll li l-konjugi Portelli kienu qalulha li binthom kienet close min-naha tal-familja ta' l-omm u semmewlha lil Piju Sagona u zewg hutu ohrajn.

"In kontro-ezami hija qalet li Carmen qaltilha li hija kienet lesta li tiehu hsieb lil Rosalinda.

"In-Nutar Anthony Hili[18] spjega li huwa ltaqa' ma' Saviour Portelli dakinhar li sar it-testment. Lanqas lil Carmen Portelli ma kien jaf pero' kienet hija li cemplitlu u qaltlu *"hemm ragel xih illi jixtieq jaghmel testment, qaltli 'urgenti'. Kien ghall-habta tas-2.00p.m.".* Qal li ma ddiskutewx dettalji ta' x'ried jaghmel. Aktar tard qal li Carmen ma semmitx urgenza. Meta wasal l-Isptar ghal xi l-4.00p.m. tkellem ma' Saviour Portelli li kien jidher tajjeb. Infatti n-Nutar qal li *"Meta kellimt lil Saviour Portelli kien hemm hdejh Carmen Portelli".* Meta beda jispjegalu u x'seta' jaghmel b'gidu talab ghall-privatezza. Saviour Portelli qallu li jrid jaghti preferenza lil bintu Rosalinda. Qallu li l-parti l-kbira ta' gidu jrid ihallih lil bintu. Testwalent qal:

> *"Jiena ghidtlu 'xi trid taghmel, trid thalli l-maggoranza tal-flus lit-tifla jew trid thalliha eredi?' Salvatore wegibni 'ara inti'. Cifri ma semmilix Salvatore, pero' qalli illi hemm il-flus. Jiena fhimtu illi hemm hafna flus. Qalli 'l-importanza hu illi t-tifla nahsbu fiha sew', qalli 'pero' lil Carmen kull ma nhallulha bil-patt u kundizzjoni li tippresta kura u assistenza lit-tifla'. Dak il-hin ftehmna jiena u hu illi jhalli nofs lil Carmen u nofs lil Rosalinda tal-flus. Carmen Portelli semmietli li tixtieq li jhallilha xi haga, pero' dejjem bl-obbligu li hi ddur ma' Rosalinda Portelli. Carmen ma semmietlix flus, lanqas xi sehem kemm kienet qeghdha tippretendi illi jhallilha t-testatur". "Jien lil Salvatore ghidtlu 'qed taqbel hux mal-ishma dwar il-flus nofs bin-nofs?' u*

[18] Seduta tas-27 ta' Mejju 2009 a fol 81 tal-process

*hu f'dak il-hin biddel l-ishma fis-sens illi gabha, qalli zewg terzi lil Rosalinda u terz lil Carmen."*

"In-Nutar xehed li waqt il-qari tat-testment Carmen Portelli ma kinitx prezenti. Huwa sostna li spjega lit-testatur kull artiklu fit-testment u jhossu cert li Saviour fehem x'kien qieghed ighid fit-testment.

"Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Joseph Debrincat[19] li fit-3 ta' Frar 2009 u fis-6 ta' Frar 2009 saru withdrawals mill-kont ta' Saviour Portelli fl-ammont ta' €481.14 u €497.67 rispettivament.

"Illi min-naha taghha l-attrici[20] tghid li Carmen kienet tmur ta' sikwit ghandhom minn jeddha u dan sa qabel ma' ommha mietet. Hija xehdet li ommha u missierha kienu jistaqsuha fejn riedet tghix wara mewthom u hija dejjem qaltilhom l-Awstralja. Qatt ma ddiskutew maghha dwar il-patrimonju taghhom. Il-genituri taghha kienu jafdaw lil Piju Sagona u tghid li l-mewt ta' ommha lil Piju kienet iccempillu kuljum. Dwar Carmen tghid li kienet iccempel lil missierha u kienet dejqithom. Ommha damet xahrejn l-isptar qabel ma' mietet. Fil-frattemp missierha dahal ukoll l-isptar u baqa' hemm sa xahrejn u nofs wara. Ftit dam id-dar ghax f'Dicembru rega' ddahhal l-isptar. Meta missierha kien l-isptar qaghdet ma' hu Carmen Portelli,Toni, u anki missierha qaghad ftit ghandu. Missierha kellu xi jghid ma' Toni Portelli ghax dan pretenda li missierha jiktiblu l-wirt u missierha rrifjuta. Anki Carmen Portelli riedet u missierha rrifjuta.

"Xehdet[21] li wara li miet missierha l-konvenuta kienet tmur taraha x-short stay ward u qaltilha biex tmur tghix maghha biex tibda tiehu hsiebha. Hija rrifjutat ghax tahseb li Carmen flusha trid. Fl-ahhar erbat ijiem tghid li missierha *"kien drifting away fil-mod kif kien jitkellem".* Missierha kien ighidilha li Carmen qeghdha ddejqu. Ommha u missierha riduha li tmur lura l-Awstralja. Kienet ukoll il-holma taghha. Hija ma tridx tigi lura Ghawdex. Dwar l-aspetti finanzjarji se jehdulha hsieb l-HSBC f'Ghawdex mit-trust. Xehdet li Carmen kienet habiba kemm ta' ommha u ta' missierha. Qabel ma' mietet ommha Carmen kienet tmur kuljum ghandhom u meta ommha kienet l-isptar Carmen kienet tqatta' hafna hin hdejn ommha u ommha qalet li fl-ahhar dejqitha. L-attrici qalet li qabel ma' mietet ommha qaltilha *"Don't trust her"* u dan b'referenza ghall-konvenuta.

"Pauline Camilleri[22] , social worker f'Ghawdex fil-qasam tal-kura psikjatrika spjegat li Rosalinda Portelli kienet klijenta taghha. Meta l-genituri ta' l-attrici kienu l-isptar hija kienet iddahhlet fis-short stay ward fuq bazi volontarja. Qalet li *"Kienet omm Rosalin stess illi qaltilna illi f'Ghawdex ma kellhomx familjari li jistghu jiehdu hsieb lil Rosalin. Lil Carmen Portelli, omm Rosalin qatt ma semmitili. Rosalin qatt ma semmietli lil Carmen Portelli qabel miet missierha. L-istess, missier Rosalin qatt ma semmili lill-konvenuta".*

[19] In rapprezentanza tal-BOV fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2009 a fol 88 tal-process
[20] Seduta tas-27 ta' Mejju 2009 a fol 99 tal-process
[21] Seduta tad-29 ta' Mejju 2009 a fol 107 tal-process
[22] Seduta tat-8 ta' Lulju 2009 a fol 144 tal-process

"Xehdet ukoll li *"Fis-sebgha (7) ta' Frar tkellimt ma' Sam flimkien ma' Jeanette. Tkellimna dakinhar dwar il-futur tat-tifla. Lil Sam kont ghidtlu li Piju Sagona kien dispost li jilqa' lit-tifla fl-Awstralja, jekk jigrilu xi haga. Kien hemm zmien meta konna qed nitkellem mieghu illi Sam kien xtaq imur l-Awstralja wkoll mat-tifla. Kont gharraft lil Sam b'dak li qalli Sagona. Jiena staqsejtu l-parir tieghu. Irrisponda illi ma kien isib ebda oggezzjoni li t-tifla tieghu tmur l-Awstralja,qalli, 'Hemmhekk it-tifla tkun f'idejn tajba'. Il-missier, Sam, qatt ma semmieli li f'Ghawdex kien hemm xi hadd illi jista' jiehu hsieb lil bintu jekk ikun hemm bzonn. Carmen Portelli qatt ma semmihili"*. Dakinhar Saviour ma kellux problema biex ikun hemm komunikazzjoni mieghu. Tenniet ukoll li Rosalinda dejjem baqghet konsistenti fix-xewqa li tmur tghix l-Awstralja. Il-hsieb dejjem kien li hija se tmur tghix gewwa *home.*

"Jeanette Falzon[23] ukoll ikkonfermat li omm Rosalinda Portelli ftit qabel ma mietet qaltilha li f'Ghawdex ma kien hemm hadd li jista' jiehu hsiebha. Xehdet ukoll li meta Sam kien il-Geriatric Ward Rosalin kienet semmiet li ghandu jmur nutar jara lil missierha u qaltilhom li kellu jmur jarah fir-rigward tat-testment.

"Michael Grech[24] xehed li l-konjugi Portelli ghamlu x'investimenti mieghu fis-sena 2007. Kienu jinkwetaw x'se jsir mit-tifla la jmutu. Lil Carmen Portelli ma kienux semmewha.

"Anthony Portelli[25] , hu l-konvenuta, xehed li *"Kien hemm okkazjoni li Carmen kienet qaltli li se tkellem lil Salvu biex tghidlu biex ihallilha gid fit-testment. Jiena ghidtilha, 'Carm, tghagglux!'. Wara gurnata regghet kellmitni, qaltli, 'illejla sejra hdejn Salvu u nghidlu biex jiktibli'. Jiena ghidtilha, 'affari tieghek!'. Dan kien fl-ewwel granet illi Salvu kien qieghed l-isptar. Dan kien xi gimgha u nofs wara l-mewt ta' martu. Kif mort il-ghada nara lil Salvu semmieli lil Carmen. Qalli, 'Karmena taghkom giet tghidli biex jiena niktbilha'. Kien jidher irrabjat. Ghidtlu, 'Salv, tirrabjax mieghi, jien m'ghandix x'naqsam ma' Karmena'. U ghidtlu, 'u lanqas se nikkmandak x'taghmel bi hwejgek'. Qalli, 'jien m'jien se nikteb xejn lil hadd'. Karmena meta qaltli li se tghid lil Salvu biex jiktbilha fit-testment kien ghaliex skont hi kienet ilha tnax-il (12) sena hbieb maghhom".*

"Jan Sammut[26] xehed li saret *verbal trust* a favur ta' Rosalinda Portelli peress li f'kazijiet eccezzjonali dawn huma accettabbli. Il-genituri taghha kienu nkwetati fuqha.

"It-tabib Dr Patrick Sciberras[27] ikkonferma c-certifikat anness mat-testment. Huwa spjega li dan huwa certifikat *standard form.* Minn persuna ghall-ohra jvarja d-dettalji. Huwa qal li kien jezamina lil Saviour Portelli kuljum fl-isptar fl-ahhar granet ta' hajtu. Huwa xehed li *"Sam kien imdejjaq l-isptar. Ma riedx joqghod fil-ward tax-xjuh. Ried johrog mill-isptar. Ried lil xi hadd biex jiehu*

---

[23] Seduta tat-8 ta' Lulju 2009 a fol 149 tal-process
[24] Seduta tat-8 ta' Lulju 2009 a fol 163 tal-process
[25] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2009 a fol 203 tal-process
[26] Rapprezentant tal-HSBC a fol 220 tal-process
[27] Seduta tal-25 ta' Novembru 2009 a fol 252 tal-process

*hsiebu biex b'hekk ikun jista' johrog minn hemm gew. Xi haga ohra li kienet tinkwetah kienet it-tifla tieghu".* It-tabib ma kellux taghrif dwar il-qaghda finanzjarja ta' Saviour Portelli *"pero' meta bdejt nara lil dawn in-nies differenti jien dahalli suspett li hemm l-ghalf. Kelli ghoxrin (20) sena esperjenza. Bdejt nara li qed jersqu l-klieb il-bahar".* Qal li Carmen Portelli kienet tmur kuljum u qaltlu li riedet iddur b'Saviour Portelli. Huwa xehed li meta ezamina lil Sam fis-7 ta' Frar 2009 ma qallux li ried jaghmel testment. Qallu li ried jaghmel xi haga biex jirranga fir-rigward tat-tifla. Xi darba kien semmilu Lm10,000 izda fl-ebda hin ma fehem li kien se jhalli gidu kollu. Dakinhar li rrilaxxa c-certifikat kien iben il-konvenuta li gabar ic-certifikat mill-klinika tieghu fis-Sannat. Meta ra lil Saviour Portelli fis-7 ta' Frar 2009 qatt ma haseb li wara ftit granet kien se jmut. In kontro-ezami xehed li jahseb li bil-mod kif wiegbu Saviour Portelli dan seta' jaghmel kull tip ta' kuntratt.

"Dr David Cassar[28] xehed li Rosalinda Portelli kienet pazjenta tieghu. Wara l-mewt tal-genituri taghha kienu kellmuh diversi nies fosthom il-konvenuta li kienet akkumpanjata minn ragel. Huwa xehed li riedu jaghmlu l-interdizzjoni ta' Rosalinda Portelli. Huwa kompla hekk:

> *"Dawn it-tnejn min-nies qatt ma kont iltqajt maghhom qabel dakinhar u hassejtni skomdu hafna. Nikkonferma illi hassejtni skomdu hafna ghaliex ma staqsewnix kif tinsab Rosalinda u wrew xi preokkupazzjoni. Jekk niftakar sew qaluli illi huma l-werrieta ta' missier Rosalinda li jien kont diga' naf illi kien miet.*
>
> *Nixtieq insemmi wkoll illi qabel ma poggew bilqieghda r-ragel illi kien qed jakkumpanja lil din il-mara poggieli flus f'idejja. Jekk qieghed naghraf sew lil dan ir-ragel hu l-istess persuna illi qieghed nara bilqieghda fl-awla llum. Jiena m'accettajtx il-flus, u wrejt ir-rabja tieghi ghal dan l-agir. Nikkonferma illi jien ghidtilhom illi jekk verament huma l-werrieta jkolli bzonn ta' provi, pero' gharrafthom ukoll fic-cirkostanzi, bil-mod kif l-affarijiet zviluppaw f'dan il-hin qasir li kellna l-laqgha, waqt il-laqgha, ma kont inhossni xejn komdu, u ghalhekk tlabthom biex jitilqu."*

"Huwa sostna b'mod kategoriku illi ma kienx hemm ic-cirkostanzi sabiex Rosalinda Portelli tigi interdetta. *'Dan qieghed nghidu fuq l-gharfien tieghi ta' Rosalinda matul dawn l-ahhar ghaxar (10) snin'*. Anzi skontu minn dak li ra wara l-mewt tal-genituri taghha Rosalinda wriet li tahseb u tiggudika b'mod car, b'mod illi kapaci tiehu hsieb tad-drittijiet taghha u mhix xi persuna dghajfa u malleabbli. In kontro-ezami kkonferma li bhala fatt jaf li kien hemm drabi meta l-konvenuta kienet tmur tara lil Rosalinda fiz-zmien li tkun qeghdha fix-short stay ward. U bhala fatt jaf illi meta dawn kien jigru dawn iz-zjarat Rosalinda kienet tkun disturbata. Dan kien fiz-zmien wara l-mewt tal-genituri taghha. Huwa xehed ukoll li kien tkellem ma' Rosalinda li kienet *compos mentis* u hija ghamlitielu cara li kellha kull fiducja fiz-ziju taghha tal-Awstralja, cioe z-ziju Piju, u qaltlu wkoll li m'ghandha l-ebda fiducja f'Carmen Portelli u r-ragel li kien qieghed jakkumpanjaha.

[28] Seduta tal-20 ta' Jannar 2010 a fol 319 tal-process

“Fl-affidavit taghha Carmen Portelli tghid li meta l-kugin taghha Saviour Portelli rritorna f’dawn il-gzejjer mill-Awstralja flimkien ma’ martu u binthom, ir-relazzjonijiet ta’ bejniethom issahhet hafna. Hija kienet tqatta’ hafna hin maghhom. Tghid li Saviour u Maria kienu nkwetati x’se jigri mit-tifla wara li jmutu. Tghid li kemm-il darba qalulha li kienu se jiktbulha kollox basta tiehu hsieb lil Rosalinda. Tghid li dejjem accettat li tiehu hsieb lill-attrici li min-naha taghha kienet thobbha. Kompliet li meta Maria mardet u kienet l-isptar, kienet tmur izzurha kuljum u l-istess meta dahal Saviour. Sostniet li Saviour ma kienx jiehu gost bil-vizti ta’ huha Toni u ta’ Tonina u Saviour. Dwar it-testment xehdet li kien Saviour li nsista li ried jaghmel it-testment. Dwar Piju Sagona xehdet li wara li miet Saviour gie mill-Awstralja u mill-ewwel talabha c-cwievet tal-post ta’ Saviour biex joqghod hemm. Hareg ukoll lil Rosalinda mis-short stay ward u zamma mieghu. Rosalinda sahansitra kienet cemplitilha biex tirringrazzjaha ghax kienet naddfitilhom id-dar. Piju zamm lil Rosalinda sakemm inqara t-testment. Wara hadha s-short stay ward u telaq l-Awstralja. Xehdet li kienet marret tara lil Rosalinda izda Piju ghalqilha l-bieb u meta marret is-short stay ward ma riditx tkellimha. Hija cahdet li offrew xi flus lil Dr Cassar.

“In kontro-ezami[29] xehdet hekk: *“Nikkonferma li Sam Portelli u martu Maria kienu ta’ spiss ighiduli li lili kienu se jhalluni werrieta. Kienu jghiduli kull m’ghandna naghtuk. Durilna bit-tifla. Dan il-kliem kienu bdew jghiduhomli xi bejn wiehed u iehor xi 6 xhur wara li kienu rritornaw ighixu f’Ghawdex peress li qabel huma kienu residenti l-Awstralja”.* Hija qalet li qatt ma talbet lil Saviour biex jahseb fiha fit-testment.

“It-tabib Dr John Borg[30] spjega li huwa jaf lil Rosalinda Portelli b’mod professjonali ghaliex kien jiehu hsiebha meta tkun l-isptar. Ikkonferma li Saviour kien inkwetat hafna fuqha. Huwa xehed ukoll li wara l-funeral tal-missier, Rosalinda wriet ix-xewqa li tmur lura lejn l-Awstralja flimkien maz-zija Piju. Huwa ddiskuta ma’ Rosalinda jekk kinitx lesta li tmur tghix ma’ Carmen Portelli biex tiehu hsiebha izda l-attrici dejjem irrifjutat. Il-hsieb taghha kien wiehed kategoriku u huwa fehem din l-ghazla taghha peress li hija ghamlet snin tghix hemmekk mal-genituri taghha. In ri-ezami xehed li meta kienet tmur id-dar ma’ Piju Sagona kienet tmur b’leave mhux discharged. Fid-9 ta’ Marzu 2002 regghet iddahhlet is-short stay ward ghax kienet qeghdha *grossly misbehaving at home.* Huwa stqarr li dan huwa l-atteggjament tipiku taghha. F’dak iz-zmien kienet tohrog ghal xi saghtejn.

“Mario Said[31], nursing officer fis-short stay ward, fiz-zmien relevanti ghall-kawza xehed li qatt ma raha lil Carmen Portelli fiz-zmien li kienu hajjin il-genituri ta’ l-attrici. Rosalinda kienet tirrifjuta li tara lil Carmen u dan wara l-mewt tal-missier. Kien huwa li akkumpanjaha l-Awstralja u xehed li l-home li l-attrici qeghda tghix fiha hija qrib id-dar taz-ziju.

[29] Seduta tat-12 ta’ Mejju 2010 a fol 433 tal-process
[30] Seduta tas-17 ta’ Frar 2010 a fol 351 tal-process
[31] Seduta tas-17 ta’ Frar 2010 a fol 357 tal-process

“Carmen Portelli ressqet diversi xhieda fosthom lil Margaret Camilleri[32] li qalet li Carmen Portelli kellha relazzjoni tajba mal-konjugi Portelli. Hija xehdet li darba minnhom Maria qaltilha li xtaqu jhallu xi haga lil Carmen mill-wirt taghhom bil-kundizzjoni li tiehu hsieb lil binthom. Uhud mix-xhieda xehdu li Carmen qaltilhom li l-konjugi Portelli kienu qalulha biex tiehu hsieb lil binthom. In kontro-ezami qalet li l-konjugi Portelli qalulha li Karmena kienet se tiehu hsieb lil binthom. Infatti hija gieli kienet mistiedna d-dar ghandhom. Ghalkemm qalulha li se jhallulha ‘xi haga’ qatt ma qalulha li kienu se jhallulha l-gid kollu taghhom.

“Jennifer de Hoog[33] , bint Carmelo Portelli li kien hu Saviour Portelli, xehdet li hija kienet f’kawza kontra zijuha. Madankollu hija giet tara lil zijuha f’Novembru 2008. Hija giet ghal tliet gimghat u marret tarah aktar minn darba. Xehdet li Saviour Portelli dwar Carmen qalilha *“I do not trust her”.* Ix-xhud qalet li hija staqsitu jekk kienx ha hsieb jaghmel l-arrangamenti ghal Rosalinda huwa qalilha li kien ha hsieb u li n-nurses kienu nfurmati li Rosalinda kellha tittiehed l-Awstralja u semma lil Piju. Mill-impressjoni li tatha Rosalinda kienet se tghix gewwa home. Wara li telqet baqghet iccempel lil zijuha li kien qieghed jitlobha biex tigi lura. L-ahhar li cemplet ma kellmitux ghax Carmen qaltilha li ma kienx jiflah. Hija bbukkjat *flight* u waqt li kienet l-Amerika qalulha li kien miet u attendiet il-funeral. Saviour qatt ma qalilha li Carmen kienet se tiehu hsiebu u qalilha li martu kienet hadet hsieb kollox.

“Illi f’din il-kawza gie nominat espert kaligrafiku Dr Abela Medici li kkonkluda hekk:

> *“Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tal-esponent, kwalifikata bi tletin sena esperjenza fl-ezamijiet ta’ kaligrafija, il-firem fuq it-testment allegatament maghmul minn Salvatore Portelli fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Hili LL.D. nhar is-7 ta’ Frar 2009 ma humiex il-firem genwini ta’ Salvatore Portelli izda gew iffalsikati jew minn terzi persuni jew minn Salvatore Portelli innifsu, jekk dan tant kien gie mhedded, li kellu jasal fuq dan it-testment kontra l-volonta’ tieghu. Kieku dawn il-firem gew maghmula minn terzi persuni, kien ikun izjed verosimili li minn iffalsifikhom kien jaghmilhom kollha simili ta’ xulxin u simili ghall- firem genwini ta’ Salvatore Portelli. Izda dan ma kienx il-kaz. Il-fatt li l-erba’ firem fuq it-testment kwerelat huma maghmulin zewg firem totalment differenti mit-tnejn l-ohra u totalment differenti mill-firem genwini ta’ Salvatore Portelli jimmitiga li Salvatore Portelli stess ghamilhom bi skop li, waqt li kien jidher li wasal sabiex jaghmel it-testment quddiem in-nutar migjub quddiemu u b’hekk ippervena li jitkomplew it-theddid kontra tieghu u forsi sahtu, minn eventwalment jezamina t-testment jinduna mill-ewwel li l-firem kienu differenti minn xulxin u differenti mill-firem genwini tieghu. Jekk in-Nutar Dr Anthony Hili ma kienx jaf lil Salvatore Portelli  qabel ma wasal fuq it-testment, allura Dr Hili ma setax jinduna li l-firem maghmula quddiemu ma kienux dawk li genwinament Salvatore Portelli kien jiffirma”.*

“In eskussjoni ghad-domanda li Saviour Portelli ma kellux firma fissa imma kien fil-bicca l-kbira jiffirma b’mod differenti, Dr Abela Medici rrisponda li

[32] A fol 378 tal-process
[33] Seduta tas-7 ta’ Lulju 2010 a fol 476 tal-process

*Saviour Portelli kellu firma li kienet karatterizzata b'diversi punti ta' karattru personali. Bhal kull persuna ohra fid-dinja, il-firma ta' firmatarju tvarja ftit minn gurnata ghall-ohra, u anke tvarja minn firma ghall-ohra meta maghmula fi ftit istanti 'il boghod minn xulxin. Dan ghall-espert kaligrafiku huwa ovvju specjalment meta jinghata firem minn persuna li tikkontesta kitba fil-Qrati Maltin u Ghawdxin li jghamilhom quddiem l-espert f'seduta stante. Izda din il-varjazzjoni hija naturali u accettata u l-karatteristici ta' klassi u dawk personali xorta jibqghu trasmessi fil-firma tal-awtur. Jidher car li l-konvenuta ma qratx ir-rapport tal-esponent sewwa ghax f'pagna 26 hemm miktub "Ghalkemm* ***li l-maggoranza tal-firem tal-awtur kienu firem bil-maqghud,*** *gie li wkoll iffirma bhala S. Portelli jew Portelli u anke bhala Saviour Portelli,* ***kollha kellhom karatteristici personali li jaqduhom flimkien u kienu juru li kienu ta' persuna wahda u unika****". Ghaldaqstant mhux minnu dak li msemmi fid-domanda li "fil-bicca l-kbira jiffirma b'mod differenti". Sempliciment tara l-firem f'pagni 22 sa 26 tista' tasal ghall-konkluzjoni differenti mid-domanda maghmula izda turi bic-car il-konkluzjoni li wasal ghalihom l-espert".*

"Illi fuq domanda ohra Dr Abela Medici b'mod kategoriku jikkonkludi li *"Jidher car mir-risposti fuq moghtija kif ukoll mir-relazzjoni tal-esponent, li l-erba' firem fuq it-testment in kwestjoni gew iffalsifikati".*

"Illi f'din il-kawza inhatru wkoll zewg periti perizjuri Dr Martin Bajada u s-Sur Joseph Gaffiero li rrelataw li fl-opinjoni taghhom hemm bizzejjed *traits:*

> *"i. Fil-firem [S. Portelli] fuq it-testment, partikolarment fl-ittri [S] u [P] li hemm fl-erba' firem.*
>
> *"ii. Fil-kostruzzjoni ta' [elli] fuq l-ewwel u t-tielet pagna,*
>
> *"li jindikaw li l-kitba/firma li taqra [S. Portelli], saret minn Salvatore Portelli".*

"Ghad-domandi in eskussjoni[34] huma wiegbu li *"L-opinjoni tal-periti addizzjonali hija wahda cara fejn dawn mhux il-firma naturali ta' Salvatore Portelli imma kitba minn Salvatore Portelli".* Skonthom analizi kaligrafiku qatt ma jwassal li jispjega ghalfejn persuna ddecida li jiffirma differenti mis-soltu. In eskussjoni seduta stante[35] Dr Martin Bajada sostna li *"dak li jidher fuq it-testment ma jirrizultax li hija firma imma hija kitba ta' Portelli". "M'hijiex il-firma awtentika".* Madankollu kkonferma li hemm komunikazzjoni bejn il-mohh u l-id biex persuna tiffirma. Il-varjazzjoni kienet volontarja. Hija kitba. X'kienet ir-raguni ta' tali varjazzjoni huma mhumiex esperti biex ighidu.

"Jirrizulta li l-periti perizjuri tkellmu fuq l-ewwel u t-tielet faccata u dan peress li t-tieni u r-raba' eskludewhom.

---

[34] A fol 578 tal-process

[35] Seduta tal-15 ta' Marzu 2012 a fol 586 tal-process

"Illi meta l-qorti jkollha quddiemha versjonijiet konfliggenti referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia**[36] fejn gie ritenut:

> *'Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*[37]
>
> *Jigi osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[38]*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*
>
> *Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet*[39]*. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili.'*

"Illi f'dan il-kaz pero' ma xehdux biss il-partijiet. Infatti tressqu diversi xhieda ohra li diga' saret referenza ghalihom.

"Illi dwar l-allegazzjoni ta' firma falza jinghad li ma giex ippruvat mill-attrici li kien hemm terza persuna li ffirmat hija jew huwa t-testment. Infatti dan ma giex konstatat la minn Dr Abela Medici u lanqas mill-periti perizjuri. Il-qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda tan-Nutar Pubbliku Dr Anthony Hili li l-istess testatur iffirma quddiemu. Din il-qorti ma tqisx li ghandha tiddubita minn tali xhud anki ghaliex huwa ufficjal pubbliku.

"M'hemmx kontestazzjoni li l-firem li jirrizultaw mit-testment ta' Saviour Portelli huma mhux biss differenti minn kif kien jiffirma Saviour Portelli izda talli fl-erba' faccati tat-testment il-firma wkoll giet varjata. Mill-atti jirrizulta li matul iz-zminijiet Saviour Portelli biddel kemm-il darba l-mod kif kien jiffirma izda dejjem zamm certu karatteristici. In verita` l-ebda persuna mhi obbligata tiffirma dejjem bl-istess mod u manjiera. Madankollu li persuna mhux talli tvarja l-firma taghha minn gurnata ghall-ohra imma talli tvarja l-mod kif tiffirma fuq testment ma tistax ma taghtix lok ghall-mistoqsijiet.

"Dwar din it-talba l-kwistjoni li jifdal huwa jekk il-qorti ghandiex tabbraccja l-konkluzjoni ta' l-ewwel espert li kkonkluda li dawn ma kienux il-firem genwini ta' Saviour Portelli izda li ffalsifikahom huwa di propozitu sabiex juri l-

[36] Cit Nru: 1523/1997 deciza fil-5 ta'Ottubru, 2004
[37] **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1996
[38] App.Inf, .**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** deciza fit-22 ta' Novembru 2002
[39] App.Civ. **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[1986] Vol.LXX.II.144

intenzjoni tieghu li huwa ma riedx verament jaghmel dak it-testment izda ghax kien gie sfurzat.

"Illi kif inhu maghruf il-qorti mhix marbuta mal-konkluzjoni peritali. Infatti fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **Calleja vs Mifsud**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

> *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*
>
> *"In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)".*

"Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

"Il-*giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et" –**Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

"Fil-fehma ta' din il-qorti r-rapport tal-periti perizjuri mhux wiehed konklussiv. Il-konkluzjoni taghhom tirreferi biss ghal zewg faccati minn erbgha tat-testment u kkonkludew li dawk li jidhru lanqas m'huma firem izda kitba ta' Saviour Portelli. "Mhux l-istess jista' jinghad ghall-ewwel rapport ta' Dr Abela

Medici li huwa wiehed dettaljat hafna. Din il-qorti se tistrieh fuq tali rapport. Punt li l-qorti trid titratta huwa l-kumment tal-konvenuta u tal-periti perizjuri li espert kaligrafiku ma jidholx fi kwistjonijiet ta' x'seta' jgieghel persuna tvarja l-kitba jew firma taghha fuq att tant importanti. Din il-qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni. Kien l-istess Dr Bajada li spjega li hemm komunikazzjoni bejn il-mohh u l-id meta wiehed jigi biex jiffirma u ghalhekk inevitabilment il-hsieb ta' l-individwu se jaffettwa wkoll il-mod kif jikteb u jiffirma.

"Illi jrid ukoll jigi sottolineat li filwaqt li mis-sunti fuq riferuti ta' diversi xhieda li Saviour Portelli kien bniedem marid hafna u li f'xi mumenti seta' kien mitluq madankollu ma jistax jinghad li fis-7 ta' Frar 2009 huwa kien mentalment inkapaci. Dan jemergi mix-xhieda ta' Dr Patrick Sciberras u ta' l-istess Nutar. Oltre' dan Dr Abela Medici ikkummenta s-segwenti:

> *"L-esponent qis ukoll l-istat fiziku ta' Salvatore Portelli fil-granet qabel u meta allegatament iffirma t-testment tas-7 ta' Frar 2009. Id-dikjarazzjoni tat-tabib kuranti tieghu Dr Patrick Sciberras M.D. kienet cara u ddikjara li Salvatore kien kapaci jaghmel tali testment. Effettivament l-esponent hu tal-fehma li almenu sa gurnata qabel, Salvatore Portelli kien f'siktu u f'sahtu bizzejjed sabiex ghamel il-firma JD2 fuq riprodotta b'tali similanza ghall-firem minnu maghmula snin qabel. Mill-esperjenza tal-esponent, is-sahha ta' persuna, dikjarata kapaci li taghmel testment, ma tinfluenzax il-kitba tal-firma ta' tali persuna b'mod tant drastiku minn gurnata tas-6 ta' Frar 2009 ghall-ghada, bhal ma jezisti fil-firem fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2009."*

"Illi kif inghad fis-sentenza **Hayman et vs Caruana et**[40] sakemm persuna ghadha hajja u kapaci, ghandha l-jedd li taghmel b'gidha kulma thalliha taghmel il-ligi. *"Il-fatt li persuna tintlaqat hazin b'bidla f'testment, ma jfissirx li dak it-testment ikun sar taht l-influwenza tal-qerq jew bil-kunsens vizzjat. Bhalma c-cirkostanzi tal-hajja jinbidlu mal-medda taz-zmien hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem li, meta jara l-affarijiet kif tassew ikunu, jista' jisghobih b'li jkun ghamel qabel jew jaghmel xi haga biex tkun tirrifletti aktar ghal dak li gara wara. L-ebda wahda minn dawn ic-cirkustanzi ma tixhed vjolenza tal-kunsens".*

"Mir-rizultanzi processwali l-qorti wasslet ghall-konvinciment morali li d-dghjufija fizika ta' Saviour Portelli u l-eta' tieghu u c-cirkostanzi kollha meta sar it-testment kienu tali li holqulu mpediment biex ifisser ir-rieda u x-xewqa tieghu jew li jirrezisti ghat-talbiet li ghamlitlu Carmen Portelli. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet:

- "M'hemmx dubju li Saviour Portelli kien inkwetat hafna dwar x'kien se jsir minn bintu wara mewtu. Huwa kien konxju li hija kienet se tisfa wahedha u hija persuna vulnerabbli. L-inkwiet tieghu jirrizulta minn diversi xhieda – In-Nutar Vella Magro xehdet dan b'mod car. Is-social workers ta' Rosalinda Portelli wkoll ikkonfermaw li l-genituri taghha kienu inkwetati ghal x'se jigri wara mewthom. L-istess irrizulta mix-xhieda ta' Michael Grech u tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta

[40] Cit Nru: 1665/1999JRM deciza fis-6 ta' April, 2011

plc. Fuq kollox jirrizulta wkoll mill-fatt li l-konjugi Portelli kkuntattjaw lill HSBC Bank Malta plc sabiex tinholqo trust favur binthom. L-ewwel zewg testmenti huma wkoll evidenza ta' din il-preokkupazzjoni taghhom. Fuq dan il-punt allura m'hemmx dubju li Saviour Portelli kien dghajjef partikolarment meta kien qieghed ihoss li sahhtu kienet sejra lura sew.

- "Jirrizulta wkoll mill-atti li Saviour Portelli kien iddejjaq id-dar u l-konvenuta kienet webblitu li se johrog mill-isptar izda f'punt minnhom sfaxxa kollox u ma harigx. Infatti Dr Patrick Sciberras[41] xehed *"Jiena kont naf lil Salvatore Portelli u kien ilu jghidli li xeba' l-isptar fis-sala tal-anzjani. Salvu Portelli kien konxju li biex johrog minn hemm ried isib lil xi hadd li jzommu u sabiex jaghmel dan ried jaghtih xi haga. Sa minn granet qabel, talabni naghmillu certifikat li hu kien kapaci jidher fuq kuntratt. Lili kien semmieli ghaxart'elef liri. Izda dan ma kienx kompitu tieghi. Jien mort narah bejn l-4p.m. u l-4.30pm tas-7 ta' Frar 2009 u l-procedura ghal testimonial evidence dejjem nuza l-istess. Fejnu kien hemm il-konvenuta u t-tifel taghha, tlabthom johorgu barra u adottajt il-procedura fuq imsemmija billi staqsejtu diversi mistoqsijiet li permezz taghhom wasalt ghall-konkluzjoni li Salvu Portelli kien kapaci jasal biex jaghmel testment. Ghaldaqstant hrigt, ghidt lill-konvenuta sabiex tigi l-ufficju tieghi halli naghtiha d-dikjarazzjoni".*

- "Jirrizulta wkoll li l-konvenuta Carmen Portelli ghalkemm tichad li hija kienet titlob lil Saviour Portelli biex ihallilha xi gid l-azzjonijiet taghha jixhdu mod iehor. Carmen Portelli kienet tiffrekwenta lill-konjugi Portelli u sahansitra kienet anki tmur ghandhom. Izda l-qorti ma temminx li sa mill-bidu li l-konjugi Portelli ttrasferew ruhhom lura f'dawn il-gzejjer huma kienu ftehmu maghha li kienu se jhallulha mill-gid taghhom biex hija tiehu hsieb lil Rosalinda Portelli. Hawnhekk issir referenza ghall-ewwel testment li sar mill-konjugi Portelli fis-sena 2000 (u allura meta kienu diga' ilhom ftit snin f'Ghawdex) fejn huma kienu specifikatament innominaw lil hut Maria Portelli fosthom Piju Sagona sabiex ikunu ezekuturi testamentarji u sabiex jamministraw il-beni. Lanqas fit-tieni testment maghmul minn Saviour Portelli fis-sena 2006 dan 'il-ftehim' ma jirrizulta. Oltre' dan, in-Nutar Vella Magro li tkellmet mal-konjugi Portelli qabel ma' rredigiet it-testmenti xehdet li l-konjugi Portelli qatt ma semmewlha lil Carmen Portelli. Fl-istess linja xehdu s-social workers ta' Rosalinda Portelli.

- "Mhux hekk biss talli x-xhieda xehdu f'sens li Carmen kienet tghidilhom li l-konjugi Portelli se jhallulha parti mill-gid biex tiehu hsieb lil Rosalinda. Fit-testment minflok insibu li apparti zewg terzi mill-flus, Saviour Portelli halla werrieta universali tieghu lill-konvenuta bil-patt li tiehu hsieb lil Rosalinda. Tali klawzola ma taghmilx sens fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. Filli l-konjugi Portelli, inkluz ghalhekk Saviour mohhom biex jaraw kif se jhallu lil binthom komda filli jhalli gidu lill-konvenuta? Hawnhekk ma jridx jintesa li hemm gid sostanzjali.

[41] Seduta tad-9 ta' Dicembru 2009

- "L-istess Rosalinda Portelli xehdet li ommha qabel ma mietet qaltilha biex ma tafdax lill-konvenuta. Xehdet ukoll konsistentement li missierha kien ighidilha li l-konvenuta qeghdha ddejqu. Ghalkemm Rosalinda hija persuna li ghandha problema ta' sahha mentali biss pero' l-Psikjatra li segwiha ghal hafna snin xehed li hija persuna li taf tiehu d-decizjonijiet taghha u wara l-mewt tal-genituri taghha wriet forza kbira. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li f'xi zmien kien hemm relazzjoni tajba hafna bejn Rosalinda u Carmen u dan ghaliex Rosalinda hekk kif miet missierha sahansitra rrifjutat li thalli lil Carmen tmur taraha u li tmur tghix maghha. Mhux talli hekk talli rrizulta li qabel il-mewt tal-missier, il-konvenuta qatt ma marret izzur lil Rosalinda fis-*short stay ward* izda bdiet tittanta tmur wara l-mewt tal-missier.

- "Ghar-rigward tac-certifikat mediku (li mhux mehtieg ad validitatem biex isir tesment) li gie anness ma' l-ahhar testment, it-tabib xehed li kien kellem lil Saviour Portelli u fil-fehma tieghu kien kapaci jaghmel kuntratt pero' xehed li ma kienx jaf li Saviour Portelli kien se jaghmel testment. Infatti huwa xehed li c-certifikat li hareg huwa standard form. Hawnhekk il-qorti ma tistax ma tikkumentax li meta tabib ikun mitlub johrog certifikat dwar il-kapacita` o meno ta' persuna biex taghmel kuntratt jew testment jew kwalunkwe att civili dan ghandu jsir b'responsabilita` u b'serjeta' kbira.

- "Mill-atti jirrizulta wkoll li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-konvenuta li kien Saviour Portelli li ried Nutar, kienet hija li kienet mghaggla biex isir dan it-testment. Infatti hija marret ghand in-Nutar Vella Magro li tatha appuntament li kien ghal xi granet wara. Izda l-konvenuta kienet indunat li sahhet Saviour Portelli kienet sejra lura u ghalhekk sabet Nutar li seta' jaqdiha malajr. Mhux hekk biss talli meta marret ghand in-Nutar Dr Vella Magro qaltilha li Saviour Portelli ried ihalli kollox lil bintu u lilha jhallilha xi haga bil-patt u kundizzjoni li tiehu hsieb lil bintu. Izda staqsitha imbaghad Rosalinda x'tista' taghmel bil-gid taghha u n-Nutar infurmatha li Rosalinda setghet thalli lil min trid. Kwindi hawnhekk hekk kif il-konvenuta ndunat li Rosalinda xorta setghet taghmel testment hija ma kinitx kuntenta bi ftit. U peress li kienet diga' kkommettiet ruhha li Saviour kien se jhalli eredi lil bintu marret u sabet Nutar iehor. L-istess tabib li rrilaxxa c-certifikat mediku u li kien jinvista lil Saviour fl-ahhar gimghat ta' hajtu induna li kien hemm hafna nies li kienu qeghdin iduru ma' Saviour bl-iskop li jiggwadanjaw. Anthony Portelli xehed ukoll fis-sens li l-konvenuta kienet qeghda tippretendi u talbet lil Saviour Portelli biex jiktbilha. Dan ix-xhud qal li Saviour Portelli kien qallu b'din l-insistenza min-naha ta' Carmen Portelli u kien irrabja u qallu li ma kien se jikteb xejn lil hadd.

- "Ukoll hemm ix-xhieda tan-Nutar: *'Jiena ghidtlu 'xi trid taghmel, trid thalli l-maggoranza tal-flus lit-tifla jew trid thalliha eredi?' Salvatore wegibni 'ara inti'. Cifri ma semmilix Salvatore, pero' qalli illi hemm il-flus. Jiena fhimtu illi hemm hafna flus. Qalli 'l-importanza hu illi t-tifla nahsbu fiha sew', qalli 'pero' lil Carmen kull ma nhallulha bil-patt u kundizzjoni li*

*tippresta kura u assistenza lit-tifla'.* Kwindi Saviour se mai esprima ruhu biss dwar il-flus.

- "Oltre' dan ma jridx jintesa l-episodju li ftit wara l-mewt ta' Saviour Portelli, il-konvenuta marret ghand Dr David Cassar (li gie anki offrut flus li huwa rrifjuta) sabiex jinhareg certifikat biex Rosalinda tigi interdetta. Ghalkemm dan huwa episodju li gara wara li sar it-testment certament huwa ndikattiv ta' l-animu tal-konvenuta u kemm kienet mghaggla li tahtaf il-gid taht idejha.

- "Tali stampa tikkombacja perfettament mal-konkluzjoni tal-espert tekniku meta kkonkluda li *Salvatore Portelli kellu pressjoni kbira minn xi persuna waqt li kien rikoverat fil-geriatric ward, l-Isptar u seta kien gie mhedded biex jersaq fuq tali testment kontra l-volonta' tieghu. F'dan il-kaz, l-esponent hu tal-fehma li din it-terza persuna kienet f'kuntatt ripetut u ghal certu tul ta' zmien ma' Salvatore Portelli biex gaghlitu jasal ghal tali testment kontra l-volonta' tieghu' u probabbilment setghet kienet impjegata fl-Isptar stess li bezzghet lil Salvatore Portelli tali sabiex jasal biex jiffalsifika l-firem tieghu f'zewg modi differenti fuq l-istess testment. Il-hrug ta' ammonti sostanzjali ta' flus fil-ftit jiem qabel ma' miet setghet wkoll kellha relevanza ghal dan il-kaz.*

"Illi proprju minhabba dawn il-fatturi kollha li rrizultaw il-qorti tasal biex tabbraccja l-konkluzjoni ta' Dr Abela Medici li Salvatore Portelli iffalsifika l-firma tieghu huwa stess konxjenzjozament ghaliex kellu pressjoni minn terza persuna li f'dan il-kaz kienet Carmen Portelli biex jaghmel testment li permezz tieghu jhallilha gidu.

"Illi ladarba rrizulta dan kollu u t-testment se jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett legali l-konvenuta mhix se tiret lill-istess Saviour Portelli ghaliex dan huwa l-uniku testment li fih kienet tissemma' hija. Ghalhekk l-artiklu 605(1)(c) tal-Kodici Civili li testwalment jipprovdi li persuna ma tkunx denja tircievi b'testment kull min ikun gieghel, jew bil-qerq gieghel lit-testatur biex jaghmel testment, jew biex jaghmel jew ibiddel xi disposizzjoni testamentarja mhux se jibqa' relevanti.

"Illi ghalhekk m'hemmx dubju li t-testment li jgib id-data tas-7 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Hili huwa null u bla ebda effett legali.

"Fl-ahharnett l-attrici talbet l-applikazzjoni tal-provvediment tal-artikoli 10(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap 12 fil-konfront tal-konvenuta ghaliex b'konsegwenza ta' l-agir tal-konvenuta l-attrici soffriet danni konsistenti fi hlasijiet ta' mghaxijiet li ghad trid thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fuq il-wirt ta' missierha billi wara mewtu ghadha ma saritx id-dikjarazzjoni tat-trasferiment causa mortis u qed jiddekorri mghax ta' 1% fuq it-taxxa dovuta lill-Gvern fuq dan il-wirt.

"Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> *"(1) Il-Qorti tista', meta taghti s-sentenza, tordna li l-attur jew il-konvenut f'kawza jhallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux*

> *anqas minn €582.34 u mhux izjed minn €2,329.37, jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-procedura li bih inbdiet il-kawza jew l-att tal-procedura b'risposta kienu fiergha jew vessatorji, jew li xi wahda mill-partijiet tkun tawlet il-proceduri minghajr bzonn, u f'dan il-kaz din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-ohra".*

"Il-qorti mhix tal-fehma li ghandha tapplika dan il-provvediment ghaliex ghalkemm irrizulta li l-konvenuta ghamlet dak li ghamlet xorta ma jistax jinghad li r-risposta guramentata hija fiergha jew vessatorja. Ma jirrizultax lanqas li hija tawlet il-proceduri minghajr bzonn.

"Certament li dan ma jfissirx li l-attrici ma tistax tippretendi danni minghand il-konvenuta aktar 'il quddiem jekk jirrizulta li verament sofriet danni kagun taghha.

"Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha, tilqa' t-talbiet attrici bil-mod kif gej u ghalhekk:

"1. tiddikjara falza l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment hawn fuq imsemmi li jgib id-data tas-sebgha (7) ta' Frar elfejn u disgha (2009), atti Nutar Anthony Hili;

"2. tiddikjara li ghar-ragunijiet li rrizultaw, meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009, fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli kien priv mill-volonta' libera tieghu minhabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li gie mgieghel minnha jaghmel testment, u gie ndott bil-qerq jaqta' lill-attrici bint unika tieghu mill-wirt tieghu, u jaghmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' gidu kollu;

"3. konsegwentement tiddikjara null u bla effett legali l-imsemmi testment;

"4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba.

"Spejjez kollha a karigu tal-konvenuta."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuta Carmen Portelli Attard (13.11.2013):</u>**

3. Il-konvenuta Carmen Attard ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interponiet dan appell minnha. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>** – *deċiżjoni ultra/ extra petita*

Fl-ewwel lok taċċenna għall-fatt li l-ewwel qorti kkonkludiet li missier l-attriċi (Saviour Portelli) "*iffalsifika l-firma tiegħu huwa stess konxjenzjożament għaliex kellu pressjoni minn terza persuna*". Il-konvenuta appellanti targumenta pero` li dan qatt ma ġie kkontemplat fir-rikors promutur tant li fir-raba' paragrafu tal-premessi l-attriċi tallega li l-firma "*ma saritx minnu*" (Saviour Portelli). Għalhekk issostni li bil-fatt li l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat il-firma li hemm fit-testment bħala falza wara li waslet għall-konklużjoni li ġiet falsifikata <u>mill-istess Saviour Portelli</u>, hija ddeċidiet ***ultra petita* jew *extra petita***.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>** – *l-ewwel eċċezzjoni tagħha (l-konvenuta)*

Fit-tieni lok tħossha aggravata bil-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha fejn issollevat in-nullita` tar-rikors ġuramentat stante **kontradittorjeta` fit-talbiet attriċi**. Targumenta li l-ġurisprudenza nostrana hija ċara fis-sens li parti ma tistax tipproċedi b'varji azzjonijiet li huma fir-rigward ta' xulxin kontradittorji u impossibbli li jirnexxu fl-istess kawża.

(iii) **<u>It-tielet aggravju</u>** – *nullita` tad-deċiżjoni appellata*

Fit-tielet lok il-konvenuta appellata ssostni li s-**sentenza appellata hija ukoll fiha nfisha kontradittorja** għaliex l-ewwel qorti iddikjarat li seħħew żewġ xenarji kontradittorji fl-istess ħin, cioe` (i) li Saviour Portelli xjentement resaq biex jagħmel testment iżda kien makakk biżżejjed li jagħmel firma falza biex jirrendi t-testment null, u (ii) li Saviour Portelli resaq fuq testment u ffirmah korrettament iżda għamel hekk għaliex kien indott jagħmel hekk bi pressjoni u qerq.

L-appellanti targumenta it-testatur għamel testment jew inkella m'għamlux; targumenta li jew ġie indott biex jagħmlu jew ma ġiex indott biex jagħmlu, tant li huwa stess irrendih null mill-bidu nett. Issostni li dawn huma żewġ xenarji li ma jistgħux jikkoeżistu.

(iv) **<u>Ir-raba' aggravju</u>** – *il-falsifikazzjoni tal-firma*

Fir-raba' lok il-konvenuta appellata tilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ddeċidiet li l-firem li jidhru fuq it-testment in eżami ġew iffalsifikati minnu stess biex juri li kien qed ikun sfurzat. Taċċenna għall-fatt li kien ġie stabbilit li Saviour Portelli kien ibiddel il-mod kif jiffirma u allura ma kien xejn stramb li varja l-

firma tiegħu fuq it-testment. Targumenta illi **minn sempliċi firma ma jistax wieħed jikkonkludi x' kien hemm f'moħħ Salvatore Portelli**, għaliex hemm numru ta' raġunijiet li setgħu ikkontribwixxew biex huwa ffirma bil-mod kif iffirma, bħal kwistjonijiet ta' saħħa, jew il-pożizzjoni tiegħu waqt li kien qed jiffirma.

(v) **Il-ħames aggravju** – *pressjoni u qerq*

Finalment il-konvenuta appellanti tagħmel aċċenn għall-konsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom l-ewwel qorti dehrilha li ġew perpetrati qerq u pressjoni fuq Saviour Portelli. Issostni li **l-ebda waħda minn tali konsiderazzjonijiet ma kellu jwassalha għal tali konklużjoni**, u spjegat fid-dettall għaliex.

## Risposta tal-atturi appellati nomine (09.12.2013):

4. L-atturi appellati nomine wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u jistħoqqilha tikseb konferma minn din il-qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti. In oltre jsostnu li r-risposta ġuramentata tal-konvenuta li biha l-konvenuta rreżistiet ir-rikors promutur hija fiergħa u vessatorja u li għalhekk hemm lok biex din il-qorti (minbarra li tiddikjara l-appell odjern bħala wieħed frivolu u vessatorju) tapplika wkoll il-provvedimenti tal-Art 10(1) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kap 12 fil-konfront tal-istess konvenuta appellanti.[42]

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### It-talba tar-rikors tal-appell

[42] L-ewwel qorti kienet ċaħdet it-talba tal-attriċi li jiġu applikati l-provvedimenti tal-Art 10(1) tat-tariffa A tal-iSkeda A tal-Kap 12 għaliex ma rriżultalhiex li r-risposta ġuramentata kienet fiergħa jew vessatorja, u lanqas li l-konvenuta tawwlet il-proċeduri inutilment.

5. Qabel xejn din il-qorti tagħmel aċċenn għal dak li l-konvenuta appellanti qegħda titlob fir-rikors tal-appell tagħha, u senjatament li:

> *"tilqa' dan l-appell bil-konsegwenza li tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellata, jew altrimenti, filwaqt li tilqa' l-aggravji magħmula f'dan l-appell, hija tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tagħti deċiżjoni mill-ġdid f'din il-kawża skont il-liġi."*

**L-ewwel aggravju**

6. Fl-ewwel aggravju tagħha l-konvenuta appellanti ssostni li bil-fatt li l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat li l-firma ta' Saviour Portelli fuq it-testment in eżami hija falza abbażi tal-konklużjoni tagħha li Saviour Portelli kien iffalsifika l-firma tiegħu stess, jiġi li ddeċidiet ***ultra/extra petita*.** Il-konvenuta appellanti tissottolineja l-fatt li għalkemm l-attriċi f'dawn il-proċeduri odjerni talbet li jiġi dikjarat li l-firma ta' missierha Saviour Portelli fuq it-testment hija firma falza, dan pero` għamlitu abbażi tal-allegazzjoni li kienet terza persuna li iffalsifikatlu l-firma u mhux li ffalsifikaha huwa stess. Tenfasizza li l-falsifikazzjoni tal-firma da parti tat-testatur stess effettivament qatt ma ġiet kontemplata f'dawn il-proċeduri.

7. Ir-raba' paragrafu tal-premessi tar-rikors ġuramentat jaqra hekk:

> "Illi l-firma tat-testatur li hemm fuq dan it-testment hija ferm dubjuża jekk hijiex ta' missierha, u l-attriċi taf li din il-firma m'għandja ebda xebħ mal-firma li kien jiffirma missierha, u ma ġietx magħmula minnu, adirittura falza."

8. Issa minħabba din il-kwistjoni tal-firma kien ġie nnominat espert kaligrafiku (Dr Anthony Abela Medici) u sussegwentment wkoll esperti perizjuri (Dr Martin Bajada u Mr Joseph Gaffiero). Dr Abela Medici ikkonstata li l-firma ta' Saviour Portelli, jew aħjar l-erba' firem tiegħu fuq kull paġna tat-testment, mhux biss kienu differenti minn xulxin, iżda kienu wkoll differenti mill-firem soliti tiegħu. Huwa ikkonkluda li Portelli effettivament iffalsifika l-firma tiegħu stess bi skop, u cioe` sabiex min eventwalment jeżamina t-testment jinduna li l-firem fuq it-testment mhux tiegħu. Il-periti perizjuri (b'referenza għall-firem fuq l-ewwel u t-tielet paġna tat-testment) qablu ma' Dr Abela Medici in kwantu ikkonkludew li għalkemm il-firem ġew magħmula minn Saviour Portelli, ma jirriflettux il-firem soliti tiegħu. Huma pero` (kuntrarjament għal Dr Abela Medici) qalu li ma kinux f'pożizzjoni li jgħidu x' kienet ir-raġuni għaliex huwa varja l-firma tiegħu. Ma kkondividewx il-konklużjoni tiegħu li l-varjazzjoni għamilha bi skop, u cioe` li "ffalsifika" l-firma tiegħu stess.

9. L-ewwel qorti għażlet li tabbraċċja l-konklużjoni ta' Dr Abela Mediċi li l-firem ġew iffalsifikati "konxjenzjożament" minn Saviour Portelli stess għaliex huwa ma riedx jagħmel it-testment u li wasal għamlu sempliċiment għaliex kellu pressjoni mill-istess konvenuta.

10. Issa l-kwistjoni dwar jekk il-firem fuq it-testment jammontawx għal "falsifikazzjoni" da parti tat-testatur stess tifforma l-mertu tar-raba' aggravju,

u din il-qorti ser tikkonsidraha aktar 'il quddiem. Ir-raġuni għaliex din il-qorti qed tagħmel riferenza għall-konklużjoni ta' Dr Abela Medici u tal-periti perizjuri f'dan l-istadju, u cioe` fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-ewwel aggravju, hija sempliċiment sabiex turi li:

(i) fl-ewwel lok kienet persuna teknika li kkontemplat ix-xenarju (u kkonkludiet) li l-firem fuq it-testment ġew "iffalsifikati" mit-testatur stess; u

(ii) fit-tieni lok, il-periti addizzjonali ikkonstataw il-fatt dwar li l-firem kienu mibdula u waqfu hemm.

11. Dan qed jingħad biex jintwera li għalkemm huwa minnu li fil-premessi tar-rikors ġuramentat ġie allegat li l-firma ta' Saviour Portelli li tidher fuq it-testment ma ġietx magħmula minn Saviour Portelli stess, u għalkemm huwa minnu wkoll li fil-premessi ġiet ikkontemplata l-falsifikazzjoni tal-firma ta' Saviour Portelli minn terzi persuni iżda mhux minn Saviour Portelli stess, ma jistax wieħed raġonevolment jippretendi li l-attriċi jew id-difensur tagħha, bħala persuni mhux esperti fil-kaligrafija setgħu ikkontemplaw tali xenarju, cioe` li Saviour Portelli iffalsifika l-firma tiegħu stess. Tali xenarju kif kontemplat minn Dr Abela Medici huwa wieħed straordinarju għall-aħħar, tant li anke l-periti perizjuri, li huma esperti kaligrafiċi bħalu, żammew lura milli jażżardaw tali konkużjoni.

12. Meta l-attriċi fil-premessi tar-rikors tagħha allegat li l-firma fuq it-testment kienet falza, dan kien abbażi tal-fatt li dehrilha li l-firma li "*m'għandha l-ebda xebh mal-firma li kien jiffirma missierha*" – u fil-fatt l-

esperti kollha qablu li l-firma ma kinitx tixbaħ il-firem soliti tiegħu. Din il-qorti tapprezza li meta wieħed jitkellem fuq firma "falza" ġeneralment ikun qed jifhem li tali firma ma tkunx saret mit-testatur jew il-kontraent.

13. In vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi tant partikolari din il-qorti ma jidhrilhiex li l-ewwel qorti ddeċidiet *ultra/extra petita* meta laqgħet l-ewwel talba tal-attriċi u ddikjarat li l-firma fuq it-testment hija falza wara li rriżultalha (indipendentement minn jekk wiehed jaqbilx ma din il-konkluzjoni) li kienet ġiet "iffalsifikata" minn Saviour Portelli stess.

14. <u>Għalhekk din il-qorti hja tel-fehma li dan l-ewwel aggravju huwa infondat.</u>

<u>**It-tieni aggravju:**</u>

15. It-tieni aggravju tal-konvenuta appellanti jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni (preliminari) tagħha li r-rikors ġuramentat huwa null minħabba l-allegata kontradittorjeta` bejn **l-ewwel** u t-**tielet** talbiet. L-ewwel eċċezzjoni taqra hekk (sottolinear ta' din il-qorti):

> "*Illi preliminarjament, hemm l-irritwalita` u konsegwenti nullita` ta' dan ir-rikors ġuramentat minħabba kontradittorjeta` fit-talbiet attriċi. Dan għaliex l-attriċi qegħda <u>fuq naħa</u> taġixxi billi ssostni li l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment tas-sebgħa (7) ta' Frar 2009 hija waħda falza, <u>fl-istess waqt</u> qed issostni li t-testatur kien preżenti waqt li sar dan it-testment iżda ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali kollha, u <u>di piu` imbagħad</u> tgħid ukoll li t-testatur kien imġiegħel jagħmel it-testment permezz ta' allegat qerq da parti tal-esponenti. Dan jimporta kunflitt u*

*iktar minn kontradittorjeta` waħda gravi bejn l-ewwel talba u t-tielet talba ta' dan ir-rikors ġuramentat, liema kunflitti jġibu n-nullita` tal-istess rikors."*

16. L-ewwel u t-tielet talbiet, li fuqhom hija bbażata din l-eċċezzjoni jaqraw hekk (sottolinear ta' din il-qorti):

"*(1) <u>Tiddikjara falza l-firma tat-testatur</u> li hemm fuq it-testment hawn fuq imsemmi li jiġib id-data tas-sebgħa (7) ta' Frar elfejn u disgħa (2009), atti Nutar Anthony Hili;*
*…*
*(3) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ talbiet, tiddikjara li meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli <u>ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali tiegħu</u> b'mod li ma setax japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew <u>kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel testment, u ġie indott bil-qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu, u jagħmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' ġidu kollu</u>.*"

17. Għaldaqstant il-kontradittorjeta` allegata mill-konvenuta tirrigwarda s-segwenti tlett xenarji kontemplati u allegati mill-attriċi appellata, u cioe:

(1) <u>il-falsita` tal-firma fuq it-testment</u> (cioe` l-firma fuq it-testment ma saritx minn Saviour Portelli);

(3a) <u>in-nuqqas ta' kapaċita` mentali tat-testatur</u> (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli iżda ma huwa ma kienx *sanis mentis*):

(3b) <u>in-nuqqas ta' volonta` libera tat-testatur</u> (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli li għalkemm kien *sanis mentis* iffirma għaliex saret pressjoni fuqu u kien ukoll imqarraq).

18. B'riferenza għall-allegata kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tielet talbiet din il-qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Anthony Scerri et vs Richard Gauci**, u partikolarment id-deċiżjoni parzjali tal-Prim' Awla tal-Qorti

Ċivili tat-28 ta' Novembru 2002. (Fil-fatt l-attriċi appellata fil-11 ta' Ġunju 2018 ippreżentat nota li fiha għamlet riferenza għal din il-kawża partikolari). F'din il-kawża l-atturi kienu talbu li tiġi dikjarata n-nullita` ta' testment (i) minħabba li l-firma fuqu hija falza, u wkoll (ii) minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-kunsens tal-volonta` tat-testatur. Il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni preliminari li l-kawża hija nulla għaliex il-kawżali u t-talbiet huma kontradittorji. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari. Hija irriteniet hekk:

> *"Illi f'dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-imħarrek ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita` li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda lill-oħra. Dan huwa minnu u jistqarruh l-atturi nfushom, imma r-riżultat tal-waħda u tal-oħra, jekk debitament pruvat, iwassal għall-istess effett fuq it-testment: jiġifieri t-tħassir tiegħu. Jekk dan l-argument jagħti id aktar b'saħħitha lill-imħarrek biex iżidha mad-difiża tiegħu fil-mertu, ma jġibx ukoll li b'daqshekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex;"*

19. Għandu jingħad ukoll illi għalkemm it-tielet talba fiha nfisha tikkontempla żewġ kawżali differenti (li Saviour Portelli kien *sanis mentis* u wkoll li ma kienx *sanis mentis*) ma jfissirx li tali kawżali ma jistgħux ikunu kompatibbli għal xulxin. F'dan ir-rigward issir riferenza għal deċiżjoni riċenti mogħtija minn din il-qorti fil-kawża **Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et** (2 ta' Marzu 2018) fejn ġie ritenut hekk:

> *"L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hija bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita, filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (libertas testandi) iżda kienet kondizzjonata……*

> *Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali assoluta) fil-mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu li l-ewwel Qorti minkejja li kkummentat li l-kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin."*

Din il-pożizzjoni hija fil-fatt in linea ma dak insenjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **John Pace noe et v. Carmela Chircop** (deċiża fl-4 ta' Ġunju 1964), u cioe` li għalkemm jista' jidher li hemm kontradizzjoni bejn l-allegazzjoni tal-inkapaċita` mentali tat-testatur u l-allegazzjoni tal-kaptazzjoni u s-suġġestjoni, (in kwantu tal-ewwel tippresupponi n-nuqqas ta' *sana mens* u tat-tieni tippresupponi li fil-fatt kien hemm *sana mens*) tali kontradizzjoni hija waħda biss apparenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irrikonoxxiet li apparti mill-inkapaċita` mentali *per se,* għandu jiġi kkonsidrat l-indeboliment mentali u fiżiku in kwantu jpoġġi lill-persuna iktar fil-mira tad-dolo.

> *"ma hemm xejn kuntrarju li l-kapitazzjoni u s-suġġestjoni jiġu pprospettati bħala ipotesijiet subordinati fil-każ ta' nuqqas ta' verifika tal-ipotesi iżjed gravi tal-infermita` mentali; għaliex, kif jgħid ir-Ricci, 'alla facolta` di testare e` necessario che si accoppi una volonta` efficace'. Hekk infatti sar fis-sentenza Imbroll vs Mougliett, Koll. Vol. XXIV.i.793 u fis-sentenzi taljani Nri 538 sal-548 ċitati fir-Raccolta ta' Gurisprudenza tal-Fadda, Vol III taħt l-Artikolu 762-763, li kif huwa risaput jikkomentaw leġislazzjoni simili għal tagħna. Għalhekk il-kontradizzjoni bejn it-tlett motivi li jaqgħu fl-ewwel kategorija fuq imsemmija hija biss apparenti u huwa wkoll floku, skont l-imsemmija sentenza Imbroll vs Mougliett, li l-indeboliment mentali u fiżiku jiġi kkonsidrat, apparti mill-inkapaċita`, anke bħala element tal-attrazzjoni iżjed faċli tad-dolo."*

20. <u>Fid-dawl tas-suespost din il-qorti qegħda tqis it-tieni aggravju infondat.</u>

**It-tielet aggravju:**

21. Il-konvenuta appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija ukoll kontradittorja, u għalhekk nulla. Targumenta li l-ewwel qorti iddikjarat l-eżistenza ta' żewġ xenarji kontradittorji, u cioe`:

- li l-firma ta' Saviour Portelli hija falza għax ġiet iffalsikata minnu stess u
- li Saviour Portelli għamel it-testment meta kien priv mill-volonta' libera tiegħu minħabba pressjoni prattikata fuqu minn Carmen Portelli biex jagħmel it-testment, u għaliex ġie indott b'qerq biex jaqta' lil bintu mill-wirt tiegħu.

22. Hija targumenta li fl-ewwel xenarju l-ewwel qorti ddikjarat sitwazzjoni fejn it-testatur xjentament u konsapevolment resaq biex taparsi jagħmel testment iżda kien "makakk biżżejjed" li għamel firma falza sabiex jirrendih null, u fit-tieni xenarju ddikjarat sitwazzjoni fejn it-testatur iffirma t-testment korrettament iżda kien qed jiffirma għaliex saret pressjoni fuqu u wkoll ġie mqarraq. Issostni li ma jistax ikun li dawn iż-żewġ xenarji seħħew it-tnejn flimkien.

23. Ix-xenarju kkontemplat mill-ewwel qorti huwa essenzjalment wieħed: u cioe` li Saviour Portelli iffalsifika l-firma tiegħu fuq it-testment proprju għaliex għamlu minħabba pressjoni li saritlu mill-konvenuta u mhux għax effettivament ried jagħmel it-testment. Fil-fatt ix-"xenarju" li saret pressjoni

fuq Saviour Portelli biex jagħmel testment ġie iddikjarat mill-qorti bħala wieħed li jikkorrobora x-"xenarju" li ffalsifika l-firma tiegħu.

24. Hemm pero` barra l-kwistjoni tal-pressjoni, il-kwistjoni tal-qerq u huwa għalhekk li il-konvenuta f'dan l-aggravju qed targumenta illi Saviour Portelli jew iffirma "falz" għaliex ma kienx imqarraq jew iffirma "korrettement" għax kien imqarraq. Issa l-ewwel qorti ma jidhirx li amplifikat wisq fir-rigward ta' dik il-parti tat-tielet talba li ssemmi l-qerq (anke jekk semmiet il-qerq fil-parti diżposittiva tas-sentenza). Hemm distinzjoni bejn pressjoni u qerq (kif ser jiġi muri minn din il-qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ħames aggravju) in kwantu tal-ewwel ma ġġibx l-ivviżjar tal-kunsens, iżda tat-tieni ġġib tali vizzjar. Teknikament pero` jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn effettivament jikkoeżistu ż-żewġ xenarji, u cioe`:

(i) fejn persuna minħabba pressjoni eżerċitata fuqha tasal biex tagħmel testment li għalkemm ma jistax jingħad li dan ikun sar mingħajr il-volonta` libera tagħha, xorta waħda tkun għamlitu kontra qalbha u għalhekk tiffirma falz biex tinvalidah (hawn din il-qorti qed tirreferi għal dik il-parti tat-testment fejn Saviour Portelli ħalla lill-konvenuta **⅓ tal-flus tiegħu bħala legat**); u

(ii) fejn l-istess persuna, minħabba qerq fil-mument li jkun qed isir it-testment tispiċċa biex ikonsapevolment tiddisponi minn ġidha

b'mod li jmur kompletament kontra l-volonta` libera tagħha (hawn din il-qorti qed tirreferi għal dik il-parti tat-testment fejn Saviour Portelli minkejja li għamilha ċara lin-nutar li lil bintu ried iħallilha l-parti l-kbira ta' ġidu, spiċċa biex istitwixxa ill-konvenuta bħala **eredi universali tiegħu)**; fil-fatt l-ewwel qorti stess aċċennat għall-fatt li *se mai* Saviour Portelli esprima ruħu biss dwar flus u mhux ukoll dwar il-bqija tal-ġid).

25. Għalhekk dan it-tielet aggravju jirriżulta ukoll infondat.

**Ir-raba' aggravju:**

26. Fir-raba' aggravju tagħha l-konvenuta appellanti tilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti abbraċċjat il-konklużjoni tal-perit tekniku Dr Abela Medici li Saviour Portelli ffalsifika l-firma tiegħu stess fuq it-testment in kwistjoni. Hija fl-ewwel lok issostni illi ġialadarba l-konklużjoni tal-periti perizjuri (Dr Martin Bajada u Mr Joseph Gaffiero) kienet tikkontradixxi dik tal-ewwel espert, l-ewwel qorti allura kellha tibbaża ruħha fuq il-konklużjoni tagħhom u tinjora l-konklużjoni ta' Dr Abela Medici. Fit-tieni lok targumenta illi hemm numru kbir ta' raġunijiet li setgħu ikkontribwixxew għall-fatt li Saviour Portelli ma ffirmax bil-mod solitu tiegħu fuq it-testment, bħal per eżempju l-fatt li kien marid sew, jew il-fatt li kien l-isptar. Tgħid li ma jista' qatt wieħed ikun ċert li mill-ipotesijiet kollha possibbli, l-unika raġuni għaliex il-firem saru b'mod differenti kienet għaliex Saviour Portelli di proposito għamel hekk bil-għan li jinvalida

t-testment.

27. It-testment in kwistjoni, datat 7 ta' Frar 2009 jikkonsisti f'tliet paġni[43], u miegħu hemm annessa paġna oħra[44], ossia ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib Dr Patrick Sciberras datat ukoll 7 ta' Frar 2009, li jiċċertifika li Saviour Portelli kellu l-kapaċita` mentali biex jagħmel testment. Fuq kull waħda minn dawn l-erba' paġni tidher il-firma ta' "S. Portelli". [Jiġi ppreċiżat li fuq l-ewwel u t-tielet paġna tat-testment il-kunjom huwa miktub b'ittri żgħar ("**S. Portelli**"), filwaqt li fuq it-tieni paġna tat-testment u fuq iċ-ċertifikat mediku, il-kunjom huwa miktub b'ittri majjiskoli ("**S. PORTELLI**")].

28. Kemm Dr Abela Medici kif ukoll il-periti perizjuri ikkomparaw il-firem li jidhru fuq it-testment u fuq iċ-ċertifikat mediku anness mat-testment, ma' kampjuni ta' firem oħra tat-testatur Saviour Portelli.

(a) Dr Abela Medici[45] ikkonkluda li l-firem li saru fuq it-testment u ċ-ċertifikat mediku m'humiex il-firem ġenwini ta' Saviour Portelli. In eskussjoni[46] spjega li għalkemm Portelli ma kellux firma fissa, iżda kien ivarjaha, li firma tvarja hija ħaġa naturali u aċċettata, u l-karatteristiċi personali xorta waħda jibqgħu jiġu trasmessi fil-firma tal-awtur. Irriżultalu pero` li l-firem fuq it-testment in kwistjoni mhux biss ma kienu xejn simili

[43] Fol 6-8
[44] Fol 8
[45] Rapport tal-perit tekniku, involokru a fol 389
[46] Risposti għad-domandi li sarulu in eskussjoni, fol 439 et seq

għall-firem soliti ta' Saviour Portelli iżda lanqas biss kienu simili għal xulxin. Huwa wasal għall-konklużjoni li l-firem kienu falsifikati, u li l-probabbilta` kienet li ma ġewx iffalsifikati minn terzi persuni, (għaliex kien ikun iżjed verosimili li min iffalsifikahom kien jagħmilhom l-erbgħa l-istess u aktar simili għall-firem soliti ta' Saviour Portelli) iżda li ġew iffalsifikati proprju minn Saviour Portelli stess, sabiex min eventwalment jeżamina t-testment jinduna bid-diskrepanzi (bit-tama, allura, li t-testment jiġi annullat).

(b) Il-periti perizjuri[47], ikkonstataw li Saviour Portelli kien ivarja l-firma tiegħu u spjegaw li din il-varjazzjoni u devjazzjoni hija waħda għal kollox naturali. Osservaw pero` li l-firem fuq it-testment huma differenti fil-forma, fit-tifsila, bil-bixra u fix-xaqliba mill-firem tiegħu li jidhru fuq il-kampjuni analizzati minnhom. Osservaw ukoll li l-firem (jew kitbiet) li għamel fuq l-ewwel u t-tielet paġna tat-testment huma differenti minn dawk li għamel fuq it-tieni u r-raba' paġna, u qalu li fl-opinjoni tagħhom din id-diskrepanza hija tant evidenti li kellha tiġi nnutata min-Nutar. Huma kkonkludew li kien hemm biżżejjed *traits*:

- fl-ittri S u P li jidhru fuq l-erba' firem (cioe` l-erba' paġni) u
- fil-kostruzzjoni ta' "elli" f'"Portelli" f'l-ewwel u t-tielet paġna

li jindikaw li l-kitba/firma li taqra "S. Portelli" saret minn Saviour Portelli.

[47] Rapport tal-periti perizjuri, fol 536-545

Żiedu jgħidu li r-raġuni għaliex Saviour Portelli ddeċieda li jiffirma differenti mis-soltu, u għaliex il-firma/kitba fuq l-ewwel u t-tielet paġna hija differenti mit-tieni u r-raba' paġna, "*mhux parti minn eżerċizzju kaligrafiku*".

Fix-xiehda in eskuzzjoni[48] Dr Bajada spjega li dak li jidher fuq it-testment mhix il-"firma" ta' Saviour Portelli, iżda hija l-"kitba" ta' Saviour Portelli. Qal li ma setax jgħid għaliex Saviour Portelli effettivament "iffirma" b' dak il-mod. Huwa ippreċiża u enfasizza illi l-konklużjoni li waslu għaliha hu u l-perit Joseph Gaffiero fir-rapport peritali tagħhom hija b'riferenza għall-firma/kitba li tidher fuq l-ewwel u t-tielet paġna tat-testment ("S. Portelli") u mhux ukoll għall-firma/kitba tali tidher fuq it-tieni u r-raba' paġna, b'ittri kapitali ("S. PORTELLI"). B'riferenza għall-ewwel u t-tielet paġni tat-testment, fejn tidher il-firma/kitba "S. Portelli", spjega li wara li qabblu tali firma/kitba mal-kampjuni tal-firem ta' Saviour Portelli sabu li kien hemm biżżejjed *traits* biex jikkonkudu li tali firma/kitba hija ta' Saviour Portelli. Pero` fir-rigward tal-firma/kitba "S. PORTELLI" li tidher fuq it-tieni u r-raba' paġna (cioe` ċ-ċertifikat mediku), qal li ma setgħux jaslu għal konklużjoni għall-fatt li hi miktuba differenti (b' ittri kapitali) u ma kellhomx kampjun li setgħu jagħmlu komparazzjoni magħha. Madanakollu xehed li l-ittri S u P li jidhru fuq it-tieni u r-raba' paġna għandhom somiljanzi mal-kampjuni tal-firem ta' Saviour Portelli, (kif fil-fatt iddikjaraw fir-rapport tagħhom) u għalhekk effettivament ma eskludewx li l-firem/kitbiet li saru fuq it-tieni u r-raba' paġna saru min

[48] Xiehda tal-periti perizjuri in eskussjoni, 15 ta' Marzu 2012, fol 586 et seq

Saviour Portelli.

29. In-Nutar Anthony Hili[49], li kien in-nutar li fl-atti tiegħu sar it-testment in kwistjoni, ikkonferma li t-testment in kwistjoni effettivament kien ġie iffirmat minn Saviour Portelli:

> "*Waqt il-qari tat-testment Salvatore kien bil-qegħda fuq is-sodda. Jiena nikkonferma li Salvatore Portelli iffirma t-testment quddiemi. Hu iffirma waħdu. Il-firem qegħdin fuq kull faċċata tat-testment, kopja ta' liema tinab esebita a fol sitta (6).*
>
> *Qed nara t-testment a fol sitta (6) sa tmienja (8), dak huwa t-testment, kopja fidila tat-testment illi qrajt u li ġie ffirmat minni, minn Salvatore Portelli u mix-xiehda li kienu preżenti. Il-kundizzjoni ta' id Salvatore Portelli kienet tidher tajba fil-ħin li qiegħed jiffirma t-testment. Fil-ħin li ffirma Portelli ma qgħadtx nagħti każ illi l-firma li tidher a fol seba' (7) ma taqbilx ma' dik li tidher a fol tmienja (8) pero` ċertament dan ġie ffirmat minn Salvatore Portelli."*

30. Abbażi tal-konklużjonijiet peritali u wkoll abbażi tax-xiehda tan-nutar, din il-qorti ma tiddubitax li l-firem/kitbiet li jidhru fuq it-testment verament saru minn Saviour Portelli. Il-kwistjoni li tqum hija jekk tali firem/kitbiet li jidhru fuq it-testment (li mhux biss huma differenti mill-firem soliti ta' Saviour Portelli, iżda huma differenti minn xulxin fuq l-istess testment) ġewx fil-fatt "iffalsifikati" minn Saviour Portelli, cioe` jekk Saviour Portelli iffirmax kif iffirma, bi skop.

31. Din il-qorti ħasbet fit-tul dwar dan, u jidhrilha li t-teżi tal-ewwel perit tekniku hija kemmxejn imġebbda u timmilita lejn l-ispekulattiv. Il-periti

[49] Xiehda tan-Nutar Anthony Hili, 27.05.2009, fol 81-84

perizjuri stess spjegaw li r-raġuni għaliex persuna tkun iddeċidiet li tiffirma b'mod differenti mis-soltu ma jiffurmax parti mill-eżerċizzju kaligrafiku. Fir-risposti tagħhom għad-domandi li sarulhom bil-miktub, huma enfasizzaw illi eżami komparattiv ta' firem u kitba (cioe` analiżi kaligrafiku) qatt ma hu ser iwassal biex jispjega x' ġiegħel persuna li tvarja l-firma tagħha jew li tikteb flok tiffirma. "*Kwalunkwe tali konklużjoni minn espert kaligrafiku hija waħda spekulattiva u bla bażi*."

32. Din il-qorti tara li għandha raġun il-konvenuta appellant meta fir-rikors tal-appell tagħha targumenta li ma jista' qatt wieħed ikun ċert li mill-ipotesijiet kollha possibbli, l-unika raġuni għaliex il-firem saru b'mod differenti kienet għaliex Saviour Portelli di proposito għamel hekk bil-għan li jinvalida t-testment. Ta' ċertu rilevanza huwa l-fatt li meta Saviour Portelli għamel it-testment kellu 76 sena u kien biss erbat ijiem 'il bogħod mill-mewt[50]. In oltre, kif anke xehed in-nutar, kien fis-sodda meta ffirma.

33. Lawrence Said[51], (li deher bħala xhud fuq it-testment) xehed li dakinhar li sar it-testment kien pazjent fl-istess kamra tal-ward tal-isptar (Sezzjoni ġerjatrika) fejn kien Saviour Portelli. Qal li Saviour kien:

*"mixħut fuq is-sodda. Kien ser iħallina. Kien ser iħallina…..Salvu kien ħażin, ma kienx jiflaħ, imbagħad miet. Salvu ma kellux saħħa."*

---

[50] Huwa miet fil-11 ta' Frar 2009 u t-testment sar fis-7 ta' Frar 2009
[51] Xiehda ta' Lawrence Said, 12.05.2009, fol 30-31

34. George Mercieca[52], (li ukoll deher bħala xhud fuq it-testment) xehed li dakinhar li sar it-testment kien pazjent fl-istess ward tal-isptar fejn kien Saviour Portelli. Huwa kkonferma li Saviour Portelli kien fuq is-sodda.

35. Għaldaqstant l-istat ħażin u kritiku ta' saħħa fiżika li kien jinsab fiha Saviour Portelli[53], l-eta` avvanzata tiegħu, u wkoll il-fatt li meta ffirma t-testment kien fuq is-sodda u mhux bil-qegħda fuq siġġu, huma kollha fatturi li *setgħu* ikkontribwixxew biex Saviour Portelli iffirma kif ffirma.

36. L-ewwel qorti iddikjarat li kienet qegħda tistrieh fuq ir-rapport ta' Dr Abela Mediċi wara li kkummentat illi r-rapport tal-periti perizjuri mhux wieħed konklussiv għaliex jirreferi biss għal żewġ faċċati minn erbgħa tat-testment, filwaqt li r-rapport ta' Dr Abela Medici huwa dettaljat ħafna. Pero` l-fatt li l-konklużjoni tal-periti perizjuri hija limitata għall-ewwel u t-tielet paġna, u l-fatt li r-rapport huwa inqas dettaljat minn dak ta' Dr Abela Mediċi mhumiex raġunijiet biex tiġi skartata l-fehma tagħhom fuq din il-kwistjoni partikolari (i.e. li ma jistax espert kaligrafiku jgħid għaliex persuna fettlilha tiffirma b'mod differenti mis-soltu, cioe` li jispjega għaliex kitbet isimha flok "iffirmatha" u għaliex fuq żewġ paġni kitbet b'ittri żgħar u fuq żewġ paġni oħra b'ittri majjiskoli). L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din is-sottomissjoni tal-periti

[52] Xiehda ta' George Mercieca, 12.05.2009, fol 33-34
[53] Anke jekk il-perit Dr Abela Medici qal li "kien tal-fehma" li ladarba Dr Patrick Sciberras, it-tabib tal-familja ta' Saviour Portelli sab li kien kapaċi jagħmel testment allura Saviour Portelli kien f' sikktu u f' saħħtu biżżejjed biex jiffirma b'mod simili għall-firem soliti tiegħu.

perizjuri: cioe` li espert kaligrafiku ma jidħolx f'kwistjonijiet dwar x'seta' ġiegħel lil persuna tvarja l-firma tagħha fuq dokument, u b'riferenza għax-xiehda ta' Dr Bajada stess fejn qal li hemm komunikazzjoni bejn l-id u l-moħħ meta jiġi biex jiffirma ikkummentat li inevitabbilment il-ħsieb tal-individwu se jaffettwa wkoll il-mod kif jikteb u jiffirma. Iżda l-fatt li espert kaligrafiku jista jiddetermina jekk kitba partikolari saritx minn id ta' persuna partikolari abbażi tal-fatt li jkun qabbel it-*traits* tal-kitba in eżami ma kampjuni oħra ta' kitba ta' tali persuna (għaliex it-*traits* huma evidenza tal-komunikazzjoni bejn il-moħħ u l-id ta' tali persuna) ma jfissirx li jista' wkoll jidħol f'spekulazzjonijiet psikoloġiċi dwar x' kienet ir-raġuni li wasslet lil dik il-persuna tvarja l-firma tagħha. Din hija d-distinzjoni li jidher li riedu jagħmlu l-periti perizjuri meta qalu li r-raġuni għaliex persuna tkun varjat il-kitba tagħha tesorbita mill-eżerċizzju tal-espert kaligrafiku.

37. <u>In vista ta' dan kollu din il-qorti hija tal-fehma li dan ir-raba' aggravju tal-konvenuta appellanti jirriżulta fondat.</u>

**<u>Il-ħames aggravju:</u>**

38. Finalment il-konvenuta appellata ssostni li l-konsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom l-ewwel qorti kkonkludiet li d-dghjufija fiżika ta' Saviour Portelli, l-eta` tiegħu u ċ-ċirkostanzi kollha eżistenti fil-mument li sar it-testment kienu tali li ħolqulu impediment biex ifisser ir-rieda u x-xewqa tiegħu

jew li jirreżisti għat-talbiet tagħha, huma konsiderazzjonijiet invalidi jew li ma kellhomx effettivament iwassluha għal tali konklużjoni.

39. Din il-qorti ser telenka tali konklużjonijiet tal-ewwel qorti, u tqis l-argumenti relattivi li għamlet il-konventa fir-rigward:

(i) Saviour Portelli kien inkwetat ħafna dwar x' kien ser isir minn bintu, persuna vulnerabbli, wara mewtu.

L-ewwel qorti in sostenn ta' din l-affermazzjoni irriferiet għax-xiehda tan-Nutar Maria Vella Magro, tas-social workers ta' bintu, ta' Michael Grech[54] u tar-rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc. Aċċennat ukoll għall-fatt li l-ġenituri ta' Rosalinda Portelli kienu għamlu kuntatt mal-HSBC Bank Malta plc biex joħolqu trust favur tagħha. Ikkummentat ukoll illi żewġ testmenti tal-konuġi Portelli jevidenzjaw il-preokkupazzjoni tagħhom fir-rigward ta' binthom Rosalinda Portelli. Ikkonkudiet għalhekk li Saviour Portelli kien dgħajjef meta si tratta ta' bintu.

Il-konvenuta appellanti pero` filwaqt li taqbel li din kienet preokkupazzjoni prinċipali ta' Saviour Portelli taċċenna għall-fatt li hija ġiet istitwita eredi (u wkoll ingħatat legat ta' 1/3 tal-flus) bil-patt li tieħu ħsieb lil bintu (u wkoll lilu). Targumenta li ma hemm xejn ħażin fil-fatt li t-testatur fdaha u ħalliha bħala werrieta universali bil-patt li tieħu ħsieb bintu. Żżid tgħid li hija kienet sikwiet iżżur lill-konjuġi Portelli fid-dar tagħhom, u t-testatur dejjem kellu fiduċja fiha u għalhekk jagħmel sens li huwa inkariga lilha biex tieħu ħsieb lil bintu Rosalinda Portelli. Issostni li i sakemm ġie Pio Sagona mill-Awstralja, Rosalinda kellha relazzjoni tajba magħha u relazzjoni ħażina mal-kuraturi li jirrappreżentawha. Issosti li kienu huma li influwenzawha kontriha.

(ii) Saviour Portelli ddejjaq l-isptar u l-konvenuta webblitu li ser toħorġu.

L-ewwel qorti in sostenn ta' din l-affermazzjoni iriferiet għax-xiehda tat-tabib Dr Patrick Sciberras, fejn qal li t-testatur kien

[54] Michael Grech huwa bniedem li joffri servizzi finanzjarji, u Saviour Portelli kien klijent tiegħu

xeba' l-isptar fis-sala tal-anzjani, li kien jaf li biex joħroġ minn hemm kellu bżonn isib lil xi ħadd biex iżommu u li biex jagħmel dan kellu jagħtih xi ħaġa, (u anke semmielu għaxart elef lira) u li għalhekk talbu jagħmillu ċertifikat li kien kapaċi jidher fuq kuntratt.

Il-konvenuta appellanti targumenta li hawnhekk ukoll ma hemm xejn ħażin fil-fatt li t-testatur u hi kienu ftehmu biex huwa jinħareġ mill-isptar (għalkemm imbagħad sfaxxa kollox u ma ħariġx). Enfasizzat li hija fil-fatt ma ħaditux id-dar għaliex kien għadu ma jħossux tajjeb u imbagħad imbaram f'daqqa.

(iii) Għalkemm il-konvenuta Carmen Portelli tiċħad li kienet titlob lil Saviour Portelli biex iħallilha l-ġid, l-azzjonijiet tagħha jixhdu mod ieħor. Inoltre Carmen Portelli kienet tgħid lix-xiehda li l-konjuġi Portelli kienu ser iħallulha parti mill-ġid biex tieħu ħsieb Rosalinda.

L-ewwel qorti spjegat li ma kinitx konvinta li sa mill-bidu li l-konjuġi Portelli ttrasferew ruħhom lura mill-Awstralja għall-gżejjer Maltin kienu ftehmu mal-konvenuta li ser iħallulha mill-ġid tagħhom biex tieħu ħsieb Rosalinda. Hija rriferiet għall-ewwel testment tagħhom tal-2000 (meta kienu diġa ilhom ftit snin Għawdex) fejn innominaw lil ħut Maria Portelli (l-omm), fosthom Pio Sagona biex ikunu eżekuturi testamentarji u jamministraw il-beni. Irriferiet ukoll għat-tieni testment tagħhom tal-2006, fejn lanqas hawn ma jirriżulta li kien hemm arranġament mal-konvenuta fis-sens li kellha tieħu ħsieb lil binthom. Aċċennat ukoll għall-fatt l-konjuġi Portelli qatt ma semmew lill-konvenuta man-Nutar Maria Vella Magro (li fl-atti tagħha saru l-imsemmija testmenti) jew mas-social workers ta' Rosalinda Portelli.

Il-konvenuta appellanti targumenta li jekk Saviour Portelli wegħdha li kien se jieħu ħsiebha fit-testment bil-patt li tieħu ħsieb lil bintu, ma kien hemm xejn ħażin fil-fatt li hija għamlet l-arranġamenti biex isir it-testment. Tikkummenta li l-fatt li hija ħadet ħsieb biex sar it-testment ma għandu xejn straordinarju, għaliex l-istramaġġoranza ta' testmenti li fihom dispożizzjonijiet dwar kumpens għal serviġi isiru bil-komparteċipazzjoni ta' min ikun ser jibbenefika, u b'daqshekk ma jfissirx li t-testment ikun sar minħabba pressjoni.

(iv) L-appellata xehdet li ommha, qabel ma mietet, qaltilha biex ma tafdax lill-konvenuta u li missierha kien jgħidilha li l-konvenuta kienet iddejqu.

L-ewwel qorti aċċennat għax-xiehda ta' Rosalinda Portelli fejn qalet li qabel ma mietet ommha kienet qaltilha biex ma tafdax lill-konvenuta, u fejn qalet ukoll li missierha kien jgħidilha li l-konvenuta kienet qegħda ddejqu. Ikkummentat illi għalkemm Rosalinda Portelli hija persuna b'problemi ta' saħħa mentali il-psikjatra li segwiha għal bosta snin xehed li hija taf tieħu deċiżjonijiet u li wara l-mewt tal-ġenituri tagħha wriet forza kbira. L-ewwel qorti lanqas kienet konvinta li qatt kien hemm relazzjonijiet tajbin bejn Rosalinda Portelli u l-konvenuta u fil-fatt aċċennat għall-fatt li sakemm miet missierha l-konvenuta qatt ma marret iżżurha fix-short stay ward, iżda kien wara l-mewt tiegħu li bdiet tittanta tmur taraha, u in oltre, Rosalinda Portelli rrifjutat li tħalliha tmur taraha jew li tmur tgħix magħha.

Il-konvenuta appellanti targumenta li wieħed għandu jqis ix-xiehda ta' Rosalinda b'kawtela stante li għandha interess taġevola l-każ tagħha u allura huwa komdu li tagħmel dikjarazzjonijiet simili. Fi kwalunkwe każ tissottometti li dak li ddikjarat Rosalinda Portelli b'daqshekk l-ewwel qorti ma kellhiex tiddeċiedi li hija kienet għamlet xi pressjoni fuq Saviour Portelli.

(v) It-tabib li rrilaxxa ċ-ċertifikat mediku li ġie anness mat-testment ma kienx jaf li Salvatore kien se jagħmel testment

L-ewwel qorti aċċennat għax-xiehda tat-tabib li għamel iċ-ċertifikat li ġie anness mat-testment, u senjatament il-parti fejn qal li ma kienx jaf li Saviour Portelli kien ser jagħmel testment, u li huwa ħareġ iċ-ċertifikat fi standard form. Ikkummentat li meta tabib ikun mitlub joħroġ ċertifikat dwar il-kapaċita` o meno ta' persuna biex tagħmel att ċivili, dan għandu jsir b'responsabbilta` u serjeta` kbira.

Il-konvenuta appellanti targumenta li t-tabib ma kellux ikun jaf iktar mill-fatt li kien ser isir att notarili, u allura ġialadarba kien sodisfatt li Saviour Portelli kien kapaċi jagħmel att notarili ma kellu għalfejn ikun jaf xejn iżjed.

(vi) Il-konvenuta kienet mgħaġġla biex isir it-testment

L-ewwel qorti spjegat li mill-atti kien jirriżulta li kuntrarjament għal dak sostnut mill-konvenuta (li kien Saviour Portelli stess li ried nutar) kienet hi, il-konvenuta, li kienet mgħaġġla biex isir it-testment. L-ewwel qorti aċċennat għall-fatt li l-konvenuta kienet marret għand in-Nutar Maria Vella Magro li tatha appuntament

għal xi ġranet wara iżda meta indunat li s-saħħa ta' Saviour Portelli kienet sejra lura sabet nutar ieħor biex jaqdiha malajr. Aċċennat ukoll għall-fatt li t-tabib li rrilaxxja ċ-ċertifikat mediku xehed li kien induna li kien hemm ħafna nies li kienu qegħdin iduru ma' Saviour Portelli bl-iskop li jiggwadanjaw. Aċċennat ukoll għall-fatt li Anthony Portelli (ħu l-konvenuta) xehed li l-konvenuta kienet qed tippretendi u talbet lil Saviour Portelli biex jiktbilha. Anthony Portelli qal li Saviour Portelli fil-fatt kien qallu b'din l-insistenza da parti ta' Carmen Portelli tant li kien irrabja u qallu li ma kien se jikteb xejn lil ħadd.

<u>Il-konvenuta appellanti</u> ssostni li hawnhekk ukoll l-ewwel qorti kienet żbaljata. Issostni li kien Salvatore li kien qed jippjana t-testment. Fi kwalunkwe każ, tistaqsi: jekk kellu jitqies li hija kienet mgħaġġla biex isir it-testment, allura b'daqshekk ifisser li t-testment hu null?

(vii) <u>Id-diskors bejn Saviour Portelli u n-Nutar Anthony Hili kien biss fuq flus.</u>

<u>L-ewwel qorti</u> irriferiet għax-xiehda tan-nutar, u senjatament għal dik il-parti fejn qal li kien staqsa lil Saviour Portelli jekk huwa riedx iħalli lil bintu eredi, jew jekk riedx iħallihla l-maġġoranza tal-flus, u li Saviour Portelli wieġbu "ara inti". In-nutar fehem li kien hemm ħafna flus u jiftakar lil Saviour Portelli jgħidlu li kien importanti li lit-tifla "naħsbu fiha sew" filwaqt li lill-konvenuta "kull ma nħallulha bil-patt u l-kundizzjoni li tippresta kura u assistenza lit-tifla." L-ewwel qorti kkummentat illi t-testatur se mai kien esprima ruħu biss fuq flus.

<u>Il-konvenuta appellanti</u> tilmenta li l-ewwel qorti kkwotat biss parti mix-xiehda tan-nutar u ma aċċennatx għall-fatt li wara li n-nutar kien kellem lil Saviour Portelli, huwa kien mar l-uffiċċju tiegħu, kiteb it-testment, u reġa' mar l-isptar biex jaqrahulu. Targumenta li Saviour Portelli tant fehem x' kien fih it-testment li saru wkoll apostilli fuq struzzjonijiet tal-istess Saviour Portelli, in kwantu huwa ried li l-flus jinqasmu bejn bintu u l-konvenuta fil-kwota ta' 2/3 u 1/3 rispettivament u mhux nofs bin-nofs kif ġie redatt it-testment oriġinarjament. Taċċenna wkoll għax-xiehda tan-nutar in kwantu qal li kien iħossu ċert li Saviour Portelli fehem x' kien qed jingħad fit-testment.

(viii) <u>Ma jridx jintesa episodju li seħħ ftit wara l-mewt ta' Saviour Portelli, fejn il-konvenuta marret għand Dr David Cassar (li anke ġie offrut flus li huwa rrifjuta) biex joħroġ ċertifikat biex Rosalinda Portelli tiġi interdetta.</u>

<u>L-ewwel qorti</u> kkummentat illi għalkemm dan l-episodju seħħ wara li sar it-testment huwa indikattiv tal-animu tal-konvenuta, u ta' kemm kienet mgħaġġla biex taħtaf il-ġid taħt idejha.

<u>Il-konvenuta appellanti</u> da parti tagħha tgħid li hija kienet ġenwina fl-intenzjonijiet tagħha tant li infurmat lil Dr Cassar bir-raġuni għaliex kienet qegħda titolbu ċertifikat, kuntrarjament għal Pio Sagona li qarraq b'Dr Cassar għax ma nfurmahx li kienu ttieħdu proċeduri ta' inabilitazzjoni ta' Rosalinda Portelli minnu stess, li skont Dr Cassar kien qed jieħu ħsieb bint it-testatur. Fi kwalunkwe każ tgħid li ma tistax tifhem kif avveniment li seħħ ferm wara t-testment in eżami seta' influwenza d-deċiżjoni in kwistjoni.

40. Din il-qorti eżaminat bir-reqqa il-fuq imsemmija konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti u l-argumenti relattivi tal-konvenuta appellanti, u hija tal-fehma li meta wieħed jikkonsidra tali konsiderazzjonijiet (jew għallinqas il-parti l-kbira tagħhom) flimkien, il-kwadru li jpinġu jimmilita sew favur it-teżi tal-attriċi li kien hemm pressjoni eżerċitata fuq it-testatur Saviour Portelli da parti tal-konvenuta sabiex huwa jagħmel testment u jiktibha fil-wirt.

41. Din il-qorti in oltre tagħmel riferenza partikolari għas-segwenti xiehda, li fil-fehma tagħha huma ta' rilevanza sinifikattiva għat-teżi tal-attriċi li Saviour Portelli resaq biex jagħmel testment minħabba pressjoni eżerċitata fuqu da parti tal-konvenuta, speċjalment meta wieħed iqishom flimkien:

(i) <u>Dr Patrick Sciberras</u> (it-tabib li ffirma ċ-ċertifikat)

"*Nikkonferma li jien ma kellix tagħrif dwar il-qagħda finanzjarja ta' Sam Portelli pero` meta bdejt nara ġejjin ħdejh nies differenti jien daħalli suspett li hemm l-għalf. Kelli għoxrin sena esperjenza. Bdejt nara li qed jersqu klieb il-baħar. Carmen Portelli kienet tiġi żżur lil Sam ta' spiss. I would say kuljum. Carmen Portelli kienet tgħidli li kieku kien għaliha kienet iddur*

*b' Sam Portelli. Ma kontx nafha minn qabel lil Carmen Portelli."*

(ii) Jennifer De Hoog (qariba ta' Saviour Portelli):

*"There were many people who were visiting Uncle Sam at the hospital. There many people who I can describe as vultures. The man would start crying when he spoke of his daughter. With regards to Carmen Portelli he told me 'I don't trust her and don't you trust her'. Carmen is the sister of Anthony Portelli. I had spoken to her previously….I confirm that my uncle only mentioned Carmen on one occasion during my visits in hospital. I do not recall that Roselinn mentioned Carmena Portelli to me on my visit in October 2008. However she did mention he during my second visit when I attended the funeral. She told very bad words about Carmena at the time her father passed away…."*

(iii) Anthony Portelli (ħu l-konvenuta)

*"Kien hemm okkażjoni li Carmen kienet qaltli li se tkellem lil Salvu biex tgħidlu biex iħallilha ġid fit-testment. Jiena għidtilha "Carm, tgħaġġlux!" Wara ġurnata reġgħet kellmitni, qaltli "illejla sejra ħdejn Salvu u ngħidlu biex jiktibli". Jiena għidtilha "affari tiegħek!" Dan kien fl-ewwel ġranet illi Salvu kien qiegħed l-isptar. Dan kien xi ġimgħa u nofs wara l-mewt ta' martu[55]. Kif mort l-għada nara lil Salvu semmieli lil Carmen. Qalli "Karmen tagħkom ġiet tgħidli biex jiena niktbilha." Kien jidher irrabjat. Għidtlu, "u lanqas se nikkmandak x' tagħmel bi ħwejġek." Qalli "jien m'jien se nikteb xejn lil ħadd." Karmena meta qaltli li se tgħid lil Salvu biex jiktbilha fit-testment kien għaliex skont hi ilha tnax-il sena ħbieb magħhom."*

42. Din il-qorti qieset ukoll il-fatt li t-testment sar biss erbat ijiem qabel ma miet it-testatur. Għalkemm kien ċertifikat mentalment kapaċi, kien fiżikament dgħajjef ħafna, fil-fatt anke Lawrence Said, il-pazjent li kien fl-istess kamra tal-isptar miegħu, u li anke qagħdlu bħala xhud fuq it-testment, xehed li Saviour Portelli kien veru bla saħħa. Persuna f'dak l-istat ta' vulnerabbilta`, kif insenjat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Pace v.**

[55] Maria Portelli, mart Saviour Portelli, mietet fis-17 ta' Settembru 2008

**Chircop** fuq imsemmija, anke jekk tkun mentalment kapaċi biex tagħmel testment, tkun ferm attraenti għal persuni li jridu jieħdu vantaġġ minnha (ovvjament għaliex tkun strument aktar faċli f'idejn dak li jkun).

43. Hija ta' importanza konsiderevoli imbagħad, ix-xiehda tan-Nutar Anthony Hili, li huwa dak li fl-atti tiegħu sar it-testment odjern, u għalhekk din il-qorti eżaminatha b'rigorożita` kbira. Skont ix-xiehda tiegħu jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Dakinhar li sar it-testment (fis-7 ta' Frar 2009) il-konvenuta ċemplet lin-nutar għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) u qaltlu li hemm raġel xih ried jagħmel testment urġentement.

- Huwa qalilha li kellu bżonn ta' ċertifikat tat-tabib sabiex jannettih.

- Huwa mar l-isptar għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00).

- "*Carmen Portelli semmietli li tixtieq li jħallilha xi ħaġa pero` dejjem bl-obbligu li ddur ma' Rosalinda Portelli".*

- Meta n-nutar kellem lil Saviour Portelli ħdejh kien hemm Carmen Portelli. In-Nutar talab li jkollhom il-pivatezza.

- Salvatore Portelli ***"qalli li l-parti l-kbira ta ġidu jrid iħalliha lil bintu Rosalinda."*** Qal li Saviour Portelli qallu wkoll li lil Carmen Portelli "*kull ma ħa nħallulha bil-patt u kundizzjoni li tippresta kura u assistenza lit-tifla*."

- Skont in-nutar hu u Saviour Portelli ftehmu illi jħalli nofs (½) il-flus lil bintu u nofs (½) il-flus lil Carmen Portelli.

- In-nutar imbagħad qallu, "*X' nagħmlu dwar Carmen, tajjeb jekk inħalluha eredi?"* Qal li semmielu speċifikatament liill-konvenuta "*peress illi hi kienet direttement ikkuntattjatni permezz tat-telephone*". Qal li Saviour Portelli qallu "*Iva, bil-*

*kundizzjoni li ddur bit-tifla"*

- In-Nutar mar l-uffiċċju biex jirrediegi t-testment.

- Reġa' mar l-isptar fis-sebgħa (19:00) ta' filgħaxija u qralu t-testment li kien ipprintjat. Qal li Carmen Portelli ma kinitx preżenti.

- Qal li meta kien qed jaqralu t-testment, Saviour Portelli qallu li ried li t-testment jinbidel fis-sens li l-flus jinqasmu żewġ terzi (⅔) lil bintu u terz (⅓) lil Carmen Portelli. (Fil-fatt saret korrezzjoni bil-kitba f'dan is-sens fuq it-testment).

- Ħuwa tħallas għad-dritt professjonali tiegħu da parti tal-konvenuta Carmen Portelli.

44. Fil-fehma ta' din il-qorti, jistona ferm il-fatt li l-konvenuta kellmet lin-nutar qabel ma sar it-testment u adirittura qaltlu li xtaqet li Saviour Portelli jiktibha fil-wirt (anke jekk dan kien in lineja ta' serviġi). Iżda jistona ferm iżjed il-fatt li minkejja li Saviour Portelli qal lin-nutar li ried li l-parti l-kbira tal-ġid tiegħu tmur għand bintu, ftehmu li lill-konvenuta itiha nofs il-flus <u>u adirittura jinnominaha bħala eredi universali tiegħu.</u>

45. <u>Wieħed neċessarjament jistaqsi: x' wassal lin-nutar biex jissuġġerixxi lil Saviour Portelli li jinnomina lil Carmen Portelli bħala l-eredi universali tiegħu (ad esklużjoni tal-unika bintu stess) meta skont l-istess nutar, Saviour Portelli kien għamilihielu ċara li lil bintu ried iħallilha l-parti l-kbira tal-ġid tiegħu</u>? Veru li meta t-testment kien qed jinqara, hekk kif Saviour Portelli qallu li fir-rigward tal-flus ried ibiddel l-ishma minn nofs (½) u nofs (½) għal terz (⅓) u żewġ terzi (⅔) seta' qallu wkoll li ried ibiddel dik il-parti fejn jingħad li Carmen Portelli hija l-eredi universali, iżda din il-qorti ferm tiddubita li l-

implikazzjoni ta' dan ġie spjegat lilu sew. (Lawrence Said u George Mercieca li huma l-pazjenti li dehru fuq it-testment bħala xiehda, t-tnejn li huma xehdu li ma jafux jekk in-nutar spjegax il-kontenut tat-testment lil Saviour Portelli). Il-fatt li bit-testment in kwistjoni huwa wasal biex qata' lill-unika bintu milli tkun eredi universali (kif kienet fiż-żewġ testmenti preċedenti)[56] u invece jinnomina lill-konvenuta appellata bħala l-eredi universali, meta l-istess nutar xehed li l-volonta` ta' Saviour kienet li l-parti l-kbira ta ġidu iħallih lil bintu, **ċertament li tqajjem ħafna mistoqsijiet.**

46. Mill-assjem tal-provi jirriżulta li Saviour Portelli kien persuna vulnerabbli ħafna u din il-qorti hija tal-ferma konvinzjoni illi:

(i) fl–ewwel lok li kieku ma kienx għall-pressjoni li għamlet Carmen Portelli huwa lanqas biss kien jasal biex jagħmel it-testment li għamel erbat ijiem qabel ma miet; u

(ii) li fi kwalunkwe każ huwa ried li lil bintu jħalliha l-parti l-kbira ta' ġidu u għalhekk it-testment ma jirrispettax il-volonta` libera tiegħu. Kif irriteniet l-ewwel qorti, "*Kwindi Saviour se mai esprima ruħu biss dwar il-flus*".

[56] Fit-testment unica charta tal-31.10.2000 il-konjuġi Portelli istitwew bħala eredi universali tal-assi universali tagħhom lil binthom l-attriċi Rosalinda Portelli;
Fit-testment tal-20 ta' Frar 2006, Saviour Portelli waħdu ħalla eredi universali lil martu bis-sostituzzjoni volgari ta' bintu Rosalinda Portelli

47. Issa huwa insenjat li l-pressjoni *per se* li ssir fuq persuna sabiex hija tagħmel testment mhix biżżejjed biex tinvalida t-testment. Anke jekk bil-pressjoni li tkun saritlu t-testatur jispiċċa jagħmel testment kontra qalbu (*reluctantly*), dan mhux biżżejjed biex it-testment jitqies li huwa null. Biex dan iseħħ irid jiġi ppruvat li kien hemm ukoll inkwinament tal-volonta` libera tat-testatur. Il-**Furgole** f'dan ir-rigward jiċċita lil **Laurent** hekk:

> *“"I libri dei romani, egli dice, sono ripieni di esempi che ci mostrano mezzi piu' o meno disonesti adoperati per carpire delle liberalita`, come affettazione di rendere dei servigi, i doni, le assiduita`, le compiacenze, le amicizie finte ed altre vie oblique disapprovate da quanti si vantavano onesti; le liberalita` cosi' ottenute non vennero mai annulate; al contrario essi si trovano confermate lodevoli perche' ispirati, ad una ragione di sordido interesse; tuttavia non son illeciti, perche' non hanno stretta relazione col dolo e colla frode; ora non bisogna perdere di vista che il dolo soltanto puo' fare della captazione una causa di nullita`. Lo stesso e' a dirsi della suggestione, essa non e' che una persuasione, un ispirazione, un consiglio. Fintanto che il sollecitare si limita a blandizie, a servigi, a preghiere, fossero anche importune, la volonta' del disponente resta cio' non pertanto libera; solo la menzogna e la frode corrompono l'animo e viziano la volonta' " (cap. V. sez. III. nn. 15, 25, 26, 36).11*

48. Din il-qorti hija wisq konvinta li minkejja li l-firma/kitba' ta' Saviour Portelli fuq it-testment tindika l-volonta` tiegħu li jħalli lill-konvenuta eredi universali ta' ġidu kollu in ġenerali, din effettivament ma kinitx il-volonta` libera tiegħu. Wara li qieset skrupulożament iċ-ċirkostanzi li fihom sar it-testment, din il-qorti hija tal-ferma konvinzjoni li meta Saviour Portelli ffirma fuq it-testment (anke forsi, kemmxejn kontra qalbu) kien mingħalih li qed jiffirma biex bintu tieħu ġidu kollu ħlief li fir-rigward tal-flus il-konvenuta tieħu terz (⅓). Il-probabbilta` hija li l-konvenuta wasslet biex (direttament jew indirettament) influwenzat lin-nutar biex jissuġġerixxi lil Saviour Portelli biex

iħalliha eredi universali. Ma jistax ikun li n-nutar issuġġerixxa dan sempliċiment għaliex Carmen Portelli kienet dik li ċemplitlu biex imur jagħmel it-testment, kif qal fix-xiehda tiegħu. Ladarba huwa stess jammetti li t-testatur qallu li ried iħalli l-parti l-kbira ta' ġidu lil bintu, messu allura ssuġġerielu u ggwidah biex jagħmel lil bintu eredi universali u mhux lill-konvenuta.

49. In oltre din il-qorti mhix konvinta li ġie spjegat sewwa lilu l-effett ta' tali klawsola. Donnu t-testatur tħalla jiffoka fuq it-tieni artikolu tat-testment, u cioe` il-fatt li l-flus kienu ser jinqasmu żewġ terzi (⅔) lil bintu u terz (⅓) u allura serraħ qalbu li bintu kienet ser tieħu iktar minn Carmen Portelli mingħajr ma ġie enfasizzat lilu li bir-raba artikolu kien ser jiġi li hija invece l-konvenuta u mhux bintu li ser tispiċċa tiegħu l-parti l-kbira tal-ġid tiegħu: ħaġa li huwa għamilha ċara lin-nutar li ma ridhiex tiġri!

50. In vista ta' dan kollu din il-qorti hija konvinta li oltre l-pressjoni, kien hemm ukoll qerq, li wassal biex il-"kunsens" ta' Saviour Portelli li huwa jħallli lill-konvenuta bħala eredi universali ta' ġidu kien vizzjat. Bħala konsegwenza ta' dan, ir-raba' artikolu tat-testment huwa invalidu.

51. Hija wkoll il-fehma ta' din il-qorti li anke jekk ma jistax jitqies li l-kunsens ta' Saviour Portelli kien vizzjat fir-rigward tat-tieni artikolu (u cioe` fejn huwa ħalla lill-konvenuta ⅓ tal-flus tiegħu bħala legat), ċertament li fiċ-ċirkostanzi l-konvenuta m'għandhiex tiġi kkonsidrata denja biex tirċievi tali

legat u għalhekk (ai termini tal-Artikolu 605(1)(c) tal-Kap 16) hemm lok biex tiġi milqugħa r-raba' talba u b'hekk jiġi li l-konvenuta mhix kapaċi tirċievi lanqas il-legat imħolli lilha taħt dan l-artikolu. Għalhekk fil-fatt jiġi li effettivament it-testment in kwistjoni huwa bla effett legali.

**<u>It-talbiet tal-attriċi u l-mod kif l-ewwel qorti ddisponiet minnhom:</u>**

52. Fl-aħħar nett din il-qorti tosserva li għalkemm it-talbiet tal-attriċi huma s-segwenti:

1. Dikjarazzjoni li l-firma tat-testatur fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2009 hija falza;

2. Konsegwentement dikjarazzjoni li t-testment huwa null;

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ talbiet, dikjarazzjoni li meta sar it-testment, Saviour Portelli ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali biex japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel testment, u ġie indott bil-qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu, u jagħmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' ġidu kollu;

4. Dikjarazzjoni li għalhekk il-konvenuta mhix denja u kapaċi tirċievi b'testment u konsegwentement tiddikjara t-testment bħala wieħed null u bla effett.

L-ewwel qorti iddisponiet mill-imsemmija talbiet b'dan il-mod:

1. Iddikjarat bħala falza l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment;

2. Iddikjarat li meta sar it-testment, Saviour Portelli kien priv mill-

volonta` libera tiegħu minħabba pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel it-testment u indott b'qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu u jagħmel lilha l-konvenuta eredi universali u proprjetarja` assoluta ta' ġidu kollu;

3. Konsegwentement iddikjarat null u bla effett l-imsemmi testment.

4. Astjeniet milli tieħu konijzzjoni tar-raba talba.

53. Kif wieħed jista' josserva għalkemm l-attriċi talbet in-nullita` tat-testment bħala konsegwenza ta' dak mitlub fl-ewwel (1) talba u dak mitlub fir-raba' (4) talba <u>iżda mhux bħala konsegwenza *per se* ta' dak mitlub fit-tielet (3) talba</u>, dik il-qorti ddikjarat in-nullita` tat-testment bħala konsegwenza ta' dak mitlub fl-ewwel (1) talba u <u>wkoll ta' dak mitlub fit-tielet (3) talba</u>.

54. Fi kwalunkwe każ, l-ilqugħ tat-tielet talba iġib per konsegwenza n-nullita` anke jekk dan ma ġiex mitlub speċifikatament bħala konsegwenza ta' din it-talba. Kif fuq spjegat, jirriżulta lil din il-qorti li hemm vizzjar tal-kunsens minħabba qerq fir-rigward tar-<u>raba' artikolu tat-testment</u>, u bl-ilqugħ ta' din it-tielet talba neċessarjament ser jiġi annullat dan ir-raba' artikolu. Għalkemm qed jingħad li ma kienx hemm ukoll vizzjar tal-kunsens minħabba qerq fir-rigward tat-<u>tieni artikolu tat-testment</u>, bl-ilqugħ tar-raba' talba effettivament ser jiġi bla effett it-testment kollu.

**<u>Decide</u>**

55. Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta. In vista tal-fatt li din il-qorti sabet li r-raba' aggravju tal-konvenuta (relattiv għall-

ewwel talba tal-attriċi) huwa fondat, u in vista wkoll tal-fatt li din il-qorti jidhrilha li hemm lok li tiġi milqugħa r-raba' talba, sejra tvarja d-deċiżjoni tal-ewwel qorti f'dan is-sens, għalkemm l-effett finali tagħha (u cioe` li t-testment huwa bla effett) jibqa' l-istess. Għaldaqstant:

(1) tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li l-firma fuq it-testment hija waħda falza (cioe` fejn laqgħet l-ewwel talba) u din il-qorti kwindi tiċħad l-ewwel talba;

(2) tikkonferma s-sentenza in kwantu ġie dikjarat li Saviour Portelli kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba qerq (u tispeċifika li dan huwa fir-rigward tar-raba' artikolu tat-testment) u konsegwentement tiddikjara bħala null tali raba' artikolu tat-testment;

(3) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba, u minflok din il-qorti tilqa' r-raba' talba u tiddikjara lill-konvenuta mhux denja li tirċievi b'testment l-eredita` ta' Saviour Portelli u konsegwentement tiddikjara li t-testment kollu huwa bla effett legali.

(4) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet miċħuda t-talba tal-attriċi biex jiġi applikat il-provvediment tal-Artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap 12, u dan għall-istess raġunijiet mogħtija mill-ewwel qorti); u

56. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df